IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



Rapport Annwali **2023**

# Panorama tas-sena

curia.europa.eu

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda minn seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha l-missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati u billi tiggarantixxi l-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni.

L-istituzzjoni tikkontribwixxi sabiex jitħarsu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew permezz tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qrati: il-"Qorti tal-Ġustizzja u l-"Qorti Ġenerali".

# Rapport Annwali 2023

# Panorama tas-sena

# Werrej


**Daħla mill-President** ..... **4**

**1. Ħarsa qasira lejn is-sena 2023** ..... **7**

**A Sena f'ritratti** ..... **8**

**B Is-sena f'ċifri** ..... **16**

L-istituzzjoni fl-2023 ..... 16

Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali) ..... 17

Id-dipartimenti lingwistiċi ..... 18

**2. L-attività ġudizzjarja** ..... **21**

**A Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023** ..... **22**

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 22

Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 28

**B Il-Qorti Ġenerali fl-2023** ..... **32**

L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali ..... 32

Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza ..... 34

Il-Membri tal-Qorti Ġenerali ..... 38

**C Il-ġurisprudenza fl-2023** ..... **42**

**Focus** Interazzjoni bejn il-protezzjoni tad-data personali u d-dritt tal-kompetizzjonie ..... 42

**Focus** Setgħa regolatorja tal-FIFA u tal-UEFA u d-dritt tal-Unjoni ..... 44

**Focus** Protezzjoni tad-data personali u l-ġlieda kontra l-ksur fil-qasam tal-kompetizzjoni bejn impriżi ..... 46

**Focus** Protezzjoni tal-impriżi Ewropej kontra s-sanzjonijiet extraterritorjali tal-Istati Uniti ..... 50

Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena ..... 53

**3. Amministrazzjoni fis-servizz tal-ġustizzja ........ 75**

**A Introduzzjoni mir-Reġistratur ........ 76**

**B L-avvenimenti prinċipali tas-sena ........ 78**

Il-multilingwiżmu ċċelebrat fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ........ 78

Aċċessibbiltà u inklużjoni – ta’ interess għal kulħadd ........ 80

Intelliġenza artifiċjali: strateġija adottata għall-użu tagħha fil-Qorti tal-Ġustizzja ........ 82

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea: is-sħubija man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju ........ 84

**C Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku ........ 88**

**4. Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent ........ 91**

**5. Ħarsa lejn il-futur ........ 95**

**6. Nibqgħu konnessi! ........ 99**



**Koen Lenaerts**

President tal-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea

**Is-sena 2023 kienet sena diffiċli fil-livell internazzjonali, bil-persistenza tal-gwerra fl-Ukraina u bl-emerġenza ta' kunflitt armat ġdid fil-Lvant Nofsani. F'kuntest ġeopolitiku fejn l-ideal tal-paċi jinsab dejjem iktar mhedded, l-istituzzjoni tagħna tipprovdi miżura ta' stabbiltà bit-twettiq tal-missjoni tagħha li tħares il-ġustizzja, l-Istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali. Permezz tal-ġurisprudenza tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali komplew jaħdmu sabiex jipproteġu dawn il-valuri u dawn id-drittijiet filwaqt li enfasizzaw bil-qawwa li dawn jagħmlu parti mill-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni għall-Istati Membri.**

Matul is-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet id-djalogu intens li hija żżomm mal-qrati nazzjonali, b'mod partikolari mal-qrati kostituzzjonali u supremi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' diversi laqgħat organizzati fi ħdan l-istituzzjoni stess. F'Settembru, it-tieni edizzjoni tal-konferenzi "Magħquda fid-Diversità" ("EUnited in Diversity") laqqgħet ukoll, f'Den Haag, diversi rappreżentanti ta' dawn il-qrati tal-aħħar kif ukoll membri tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bil-parteċipazzjoni ta' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar suġġetti relatati mal-Istat tad-dritt, mad-diversità kostituzzjonali tal-Istati Membri u mal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Bħal kull sena, il-Forum tal-Membri tal-Ġudikatura Nazzjonali kien opportunità għal skambji kostruttivi bejn il-membri tal-istituzzjoni u tal-qrati nazzjonali, li jrawmu komprensjoni aħjar tal-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi legali nazzjonali u tal-Unjoni. Huwa f'dan il-kuntest li jaġevola l-iskambji li ser inkomplu, fi spirtu ta' smigħ u ta' ftuħ, id-djalogu li nbeda mal-qrati nazzjonali iktar minn 70 sena ilu.

Umberto Eco kien iħobb jgħid li "l-lingwa tal-Ewropa hija t-traduzzjoni". Sa mill-ħolqien tagħha, l-istituzzjoni tagħna wriet l-impenn profond tagħha għall-multilingwiżmu, li jippermetti lil kull individwu jippreżenta rikors f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-għażla tiegħu u lil kull ċittadin ikollu aċċess għall-parti l-kbira tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-istituzzjoni f'dawn id-diversi lingwi. Sabiex tkompli tippromwovi din id-diversità lingwistika u l-aċċess ta' kull ċittadin għall-ġustizzja tal-Unjoni fil-lingwa tiegħu stess, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet diversi proġetti li jenfasizzaw l-importanza tal-multilingwiżmu fil-proġett Ewropew.

Fl-aħħar nett, l-istituzzjoni tagħna kienet miftuħa għal tiġdid u aġġornat il-qafas tal-funzjonament futur tal-qrati tal-Unjoni. Matul is-sena 2023 rajna l-frott tar-riflessjonijiet fil-fond magħmula matul dawn l-aħħar snin miż-żewġ qrati tal-Unjoni dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, li kien ilu possibbli mill-2003 bis-saħħa tat-Trattat ta' Nice. Fid-dawl taż-żieda fin-numru tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa fil-fatt neċessarju li jiġi żgurat tqassim aħjar tal-volum ta' xogħol bejn iż-żewġ qrati, filwaqt li jiġi offrut l-aħjar servizz lill-partijiet fil-kawżi. Lejn l-aħħar tas-sena 2023 intlaħaq ftehim politiku dwar dan l-abbozz ta' riforma fil-kuntest tal-"kwadrilogu" li jiġbor fi ħdanu rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan il-ftehim, li l-modalitajiet preċiżi tal-implimentazzjoni tiegħu għad iridu jiġu ddefiniti fir-Regoli tal-Proċedura taż-żewġ qrati, huwa sinjal tal-fiduċja ispirata mill-Qorti Ġenerali, li l-kapaċità ta' azzjoni tagħha ġiet irdoppjata f'dawn l-aħħar snin. Dan huwa progress sinjifikattiv li jagħmel parti mit-tkomplija tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja mibdija fl-2016.

Bis-saħħa tal-impenn tal-Membri taż-żewġ qrati u tal-persunal kollu tagħha, l-istituzzjoni setgħet taħdem ta' kuljum sabiex issaħħaħ il-proġett ta' integrazzjoni Ewropea, li ser ikun, matul is-sena 2024, fil-qofol tal-kommemorazzjonijiet tal-għoxrin anniversarju mit-tkabbir kbir tal-2004.









# 1

## Ħarsa qasira
## lejn is-sena 2023

# A Sena f'ritratti

## Jannar



### Għoti ta' isem fittizju lill-kawżi anonimizzati

Il-kawżi għal deċiżjoni preliminari anonimizzati jingħataw isem fittizju bl-għajnuna ta' software li joħolqu b'mod awtomatizzat. Din l-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-data personali filwaqt li tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-kawżi.

### Impenn solenni ta' sitt Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Maħtura mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Membri l-ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Jorg Kristijan Petrovič, Stef Blok, George Marius Hyzler, Lefteris Christoforou, Laima Liucija Andrikienė u Keit Pentus-Rosimannus jieħdu l-impenn solenni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

## Frar



### Żjara ta' delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Riga

Delegazzjoni komposta mill-Imħallfin Latvjani tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, rispettivament, Ineta Ziemele u Inga Reine, kif ukoll minn membri tat-tmexxija superjuri tal-Qorti tal-Ġustizzja jmorru Riga (il-Latvja) fil-kuntest ta' żjara ta' xogħol sabiex isaħħu l-komunikazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Latvjani u l-Qorti tal-Ġustizzja.

# April



## Emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

Sabiex tippromwovi ġustizzja moderna u effiċjenti, il-Qorti Ġenerali temenda r-Regoli tal-Proċedura tagħha. Dawn il-bidliet huma intiżi li jikkjarifikaw u jissemplifikaw il-proċeduri ġudizzjarji, u jinkludu l-possibbiltà li jintużaw videokonferenzi għas-sottomissjonijiet orali, l-iffirmar elettroniku tad-deċiżjonijiet u l-għażla ta' kawżi pilota.



## Affresk misluf mill-Mużew Arkeoloġiku Nazzjonali ta' Napoli

*Vittoria alata*, affresk minn Pompei, jingħata b'self mill-Mużew Arkeoloġiku Nazzjonali ta' Napoli (MANN) lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi espost fil-bini tagħha. Simbolu ta' paċi u prosperità li jmur lura għall-ewwel seklu wara Kristu, dan l-affresk juri r-rabta bejn l-arti u l-istituzzjoni ġudizzjarja.



## Kollokju organizzat fl-okkażjoni tat-tmiem tal-kariga ta' Emmanuel Coulon, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

Fl-okkażjoni tat-tmiem tal-kariga ta' Emmanuel Coulon, ir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mill-2005 sal-2023, inżamm kollokju intitolat "Kunsiderazzjonijiet dwar id-dritt proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea" fis-sala l-kbira għas-seduti tal-Qorti Ġenerali.

## Mejju

### Finali tal-kompetizzjoni "European Law Moot Court"

Organizzata għall-ewwel darba fl-1988, il-*European Law Moot Court* hija l-iktar kompetizzjoni għas-sottomissjonijiet orali importanti fid-dinja fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni. L-Università ta' Torino (l-Italja) hija t-tim rebbieħ tal-edizzjoni 2023.




### Jum l-Ewropa

Fl-okkażjoni tal-anniversarju tad-dikjarazzjoni Schuman, il-Qorti tal-Ġustizzja tiftaħ il-bibien tagħha għaċ-ċittadini sabiex tippermettilhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-attività tagħha. Matul żjarat iggwidati, proposti għall-ewwel darba f'format virtwali wkoll, iċ-ċittadini jiskopru r-rwol u l-funzjonament taż-żewġ qrati, kif tiżvolġi l-ħajja ta' kawża u d-dipartimenti tal-istituzzjoni.



### Inawgurazzjoni tal-Ġnien tal-Multilingwiżmu

Il-Ġnien tal-Multilingwiżmu, li jinsab maġenb l-ispazju miftuħ madwar l-istituzzjoni, jiġi inawgurat f'Jum l-Ewropa. Dan l-ispazju aħdar ġdid, bil-varjetajiet ta' pjanti tiegħu, jiċċelebra l-għaqda fid-diversità permezz tal-lingwi u tal-kulturi u jirrappreżenta l-essenza stess tal-Qorti tal-Ġustizzja.



## Sentenza *Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni*

Il-Qorti Ġenerali, fid-dawl tal-miżuri ta' akkumpanjament meħuda mill-Kummissjoni (b'mod partikolari l-istabbiliment ta' sala virtwali tad-data), tiċħad ir-rikors ta' Meta Platforms Ireland u tiddeċiedi li t-talba tal-Kummissjoni, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar aġir antikompetittiv, li jiġu trażmessi dokumenti li jinkludu ċerti termini ta' tfittxija, tikkostitwixxi miżura xierqa sabiex tinżamm is-sistema kompetittiva prevista fit-Trattati (T-451/20).

# Ġunju



## Il-50 anniversarju tal-adeżjoni tad-Danimarka u tal-Irlanda

Fl-1973, id-Danimarka u l-Irlanda (kif ukoll ir-Renju Unit) aderixxew mal-Unjoni Ewropea. Dawn iż-żewġ Stati Membri jiċċelebraw il-ħamsin sena mis-sħubija tagħhom u l-ewwel tkabbir tal-Unjoni Ewropea.



## Teħid ta' ġurament minn Vittorio Di Bucci, ir-Reġistratur il-ġdid tal-Qorti Ġenerali

Vittorio Di Bucci jinħatar Reġistratur tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Imħallfin tal-qorti għal mandat ta' sitt snin. Huwa jieħu post Emmanuel Coulon.




## Adozzjoni tal-istrateġija dwar l-intelliġenza artifiċjali

Il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta l-Istrateġija tagħha għall-integrazzjoni tal-għodda bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali. Dan id-dokument jistabbilixxi l-għanijiet u l-prinċipji tal-użu ta' din l-għodda, jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riskji ewlenin u jipproponi governanza.

# Lulju



## L-10 anniversarju tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja kienet l-aħħar Stat Membru li ngħaqad mal-Unjoni Ewropea. Għaxar snin wara, f'Jannar 2023, dan l-Istat daħal ukoll fiż-żona tal-euro u fiż-żona Schengen. Sabiex jiġi ċċelebrat dan l-istadju storiku, inżammet ċerimonja fis-sala l-kbira għas-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja.




## Sentenza *Meta Platforms et*

Adita minn qorti Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tista' tikkonstata, fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, ksur tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (C-252/21).

## Settembru

### Konferenza "Magħquda fid-diversità II" f'Den Haag

Għal din it-tieni edizzjoni tal-konferenzi "EUnited", delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' f'Den Haag ma' Mħallfin tal-qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jiġu skambjati ideat dwar l-Istat tad-dritt u l-ħtieġa li tinżamm id-diversità kostituzzjonali tal-Istati Membri.



### Teħid ta' ġurament minn żewġ Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali

Saulius Lukas Kalėda (il-Litwanja) u Louise Spangsberg Grønfeldt (id-Danimarka) jieħdu l-ġurament waqt udjenza solenni fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tagħhom bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.



### Kollokju dwar il-multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja

Filwaqt li jikkonċentraw fuq l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, l-atturi u l-parteċipanti fil-kollokju jindirizzaw l-użu ta' għodda ġodda u effettiva għall-ħidma tal-ispeċjalisti fit-traduzzjoni u l-interpretazzjoni legali.

## Ottubru



### Self ta' xogħlijiet tal-arti mill-Mużew tal-Arti Nazzjonali tas-Slovenja

Waqt żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-Presidenta tar-Repubblika tas-Slovenja, Nataša Pirc Musar, il-Mużew tal-Arti Nazzjonali tas-Slovenja jagħti b'self tliet opri artisitiċi - *Poletje* (is-Sajf) u *Zima* (ix-Xitwa) ta' Tugo Šušnik, kif ukoll *Cheval Lipizzan* ta' Janez Boljka - lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġu esposti fil-bini tagħha.

## Novembru



### Forum tal-membri tal-ġudikatura

Il-membri tal-ġudikatura tal-qrati nazzjonali jiltaqgħu fil-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jittrattaw suġġetti differenti, bħalma huma l-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-kunċett ta' indipendenza ġudizzjarja fid-dritt tal-Unjoni, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.




### Impenn solenni minn tmien Membri ġodda tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

José António Lopes Ranito, Ignacio de Lucas Martín, Miranda de Meijer, Gedgaudas Norkūnas, Anne Pantazi Lamprou, Nikolaos Paschalis, Ursula Schmudermayer u Andrea Venegoni jieħdu l-impenn solenni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tagħhom mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

## Diċembru



### Ftehim politiku dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali

Waqt laqgħa tal-"kwadrilogu" bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja, jintlaħaq ftehim politiku dwar it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali.



### Sentenza *European Superleague Company*

Fuq domanda minn qorti Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li s-setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni tal-FIFA u tal-UEFA fir-rigward tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs potenzjalment kompetituri, bħalma hija s-Superleague, għandhom jiġu eżerċitati b'mod trasparenti, oġġettiv, nondiskriminatorju u proporzjonat, għaliex inkella jkun hemm ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (C-333/21).



### Jum ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà fil-Qorti tal-Ġustizzja

L-istituzzjoni, investita bis-sħiħ fl-isfidi tal-aċċessibbiltà u tal-inklużjoni, torganizza workshops u webinars sabiex tissensibilizza lill-persunal tagħha dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

# B Is-sena f'ċifri

## L-istituzzjoni fl-2023

**81** Imħallef minn **27** Stat Membru

Baġit: EUR **487** miljun

Il-Qorti tal-Ġustizzja

**27** Imħallef

**11**-il Avukat Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali

**54** Imħallef

**2 302**
uffiċjali u aġenti

**60 %**
nisa

**40 %**
irġiel

Il-proporzjon ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni jiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-medja superjuri tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Huma okkupati minn nisa:

**55 %** tal-pożizzjonijiet ta' amministraturi

**43 %** tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija f'livell intermedju jew superjuri

# Is-sena ġudizzjarja (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali)

**2 092 *** kawża mressqa

**1 687** kawża maqtugħa

**2 990 *** kawża pendenti

Tul medju tal-kawżi: **17.2** xhur

e-Curia

Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta' e-Curia:



**89 %** għall-Qorti tal-Ġustizzja



**94 %** għall-Qorti Ġenerali

**10 502** kontijiet ta' aċċess e-Curia

**e-Curia** hija applikazzjoni informatika li tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll lill-qrati nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiskambjaw l-atti proċedurali mar-Reġistri b'mezzi esklużivament elettroniċi.

**e-Curia: l-applikazzjoni informatika li tippermetti l-iskambju ta' dokumenti ġudizzjarji**

ara l-video fuq YouTube

* Fl-aħħar tal-2023 tressqet sensiela eċċezzjoni ta' 404 kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali. Dawn il-kawżi, li huma identiċi fis-sustanza tagħhom, jikkonċernaw id-drittijiet kweżiti jew fil-proċess li jsiru kweżiti taħt l-iskema tal-pensjoni komplementari tal-Membri tal-Parlament Ewropew. Dawn il-kawżi ġew magħquda. Jekk jingħaddu bħala kawża waħda, iċ-ċifri netti jkunu ta' 1 689 kawża mressqa u 2 587 kawża pendenti.

## Id-dipartimenti lingwistiċi

**Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fiha tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.**

**24** lingwa tal-kawża

**552** kombinazzjoni lingwistika possibbli

**611**-il ġurista lingwista sabiex jittraduċu d-dokumenti miktuba

**1 290 000** paġna għat-traduzzjoni

**1 268 000** paġna tradotti

**647** seduta u laqgħat li bbenefikaw mill-interpretazzjoni simultanja

**70** interpretu għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali u għal-laqgħat

**Multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Garanzija ta' aċċess ugwali għall-ġustizzja**

ara l-video fuq YouTube

Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprevedi l-possibbiltà li jintużaw l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss **ġuristi lingwisti** li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.




CVRIA
CVRIA



# 2

## L-attività ġudizzjarja

# A Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tisma' kawżi, prinċipalment, dwar:**

- **talbiet għal deċiżjoni preliminari**

Meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni jew dwar il-validità tagħha, hija għandha tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza dawn id-dubji, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Fil-kawżi li jeħtieġu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll mal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hija prevista **proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari** (**"PPU"**);

- **rikorsi diretti**, intiżi:
    - li jinkiseb l-annullament ta' att tal-Unjoni (**"rikors għal annullament"**) jew
    - li jiġi kkonstatat li Stat Membru ma jkunx qiegħed josserva d-dritt tal-Unjoni (**"rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"**). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas min-naħa tiegħu, rikors ieħor, imsejjaħ **"rikors għat-tieni nuqqas"**, jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni pekunjarja;
- **appelli**, ippreżentati mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **talbiet għal opinjoni** dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni jkollha l-intenzjoni li tikkonkludi ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali (imressqa minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea).

## L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



**Koen Lenaerts**

President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-aħħar xhur tas-sena 2023 kienu kkaratterizzati min-negozjati dwar it-talba leġiżlattiva, imressqa f'Novembru 2022 mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sabiex, minn naħa, tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali l-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja f'sitt oqsma speċifiċi (it-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri, kif ukoll l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra) u, min-naħa l-oħra, sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu, li daħal fis-seħħ f'Mejju 2019, ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. L-għan ta' din it-talba leġiżlattiva huwa li jiġi żgurat, fl-interess tal-individwi għal ġustizzja ta' kwalità mogħtija f'termini raġonevoli, bilanċ aħjar fil-volum ta' xogħol bejn

**821**
kawża mressqa

**518**-il proċedura għal deċiżjoni preliminari
**2** PPU

**Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:**

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja | **94** |
| Il-Bulgarija | **51** |
| Il-Polonja | **48** |
| l-Italja | **43** |
| Ir-Rumanija | **40** |

**60** rikors dirett, li minnhom:
**49** rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u
**3** rikorsi għat-"tieni nuqqas"

**231** appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

**8** talbiet għal għajnuna legali

il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, li, sa minn Lulju 2022, hija kkostitwita minn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru (jiġifieri total ta' 54).

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun tista' tikkonċentra iktar fuq il-kompiti ċentrali tagħha bħala ġurisdizzjoni kostituzzjonali u suprema tal-Unjoni. Fil-fatt, bħal ma kien il-każ f'dawn l-aħħar snin, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kemm jekk permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari u kemm jekk permezz ta' rikorsi diretti (b'mod partikolari r-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu), jikkonċernaw temi sensittivi, li jeħtieġu li titlaqqa' regolarment l-Awla Manja, bħalma huma l-ħarsien tal-valuri tal-Istat tad-dritt fil-kuntest ta' riformi ġudizzjarji nazzjonali, il-politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-era diġitali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll l-isfidi ambjentali, enerġetiċi u klimatiċi.

Fir-rigward tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari lill-Qorti Ġenerali, dan it-trasferiment ser ikun ibbażat fuq żewġ prinċipji bażiċi, iddettati minn kunsiderazzjonijiet ta' ċertezza legali, ta' ħeffa u ta' trasparenza: il-prinċipju ta' "one-stop shop", fis-sens li kull talba għal deċiżjoni preliminari għandha dejjem tiġi indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja, li ser tiddetermina jekk kawża għal deċiżjoni preliminari tkunx tikkonċerna esklużivament wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi msemmija iktar 'il fuq, u l-prinċipju ta' trasferiment sħiħ tal-kawżi għal deċiżjoni preliminari kollha li jkunu esklużivament marbuta ma' wieħed jew l-ieħor minn dawn l-oqsma speċifiċi. Għall-kuntrarju, jekk il-kawża ma tkunx tikkonċerna esklużivament dawn l-oqsma, b'mod partikolari sa fejn tqajjem kwistjonijiet indipendenti ta' interpretazzjoni tad-dritt primarju jew tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, din ser tiġi ttrattata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Madankollu, it-trasferiment ta' talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali ser ikun bla ħsara għall-possibbiltà ta' din tal-aħħar li tirreferi l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tqis li din it-talba

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajnuna legali.

teħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju u għall-possibbiltà li l-Qorti tal-Ġustizzja twettaq, eċċezzjonalment, eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-każ ta' riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

Wara diversi xhur ta' eżami u ta' negozjati, intlaħaq ftehim politiku dwar din it-talba leġiżlattiva f'Diċembru 2023. Fil-kuntest ta' dan il-ftehim, ġie previst b'mod partikolari li n-noti jew l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn parti li tkun ipparteċipat fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari ser jiġu ppubblikati fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu raġonevoli wara l-għeluq tal-kawża, sakemm din il-parti ma toġġezzjonax għal din il-pubblikazzjoni.

Il-kalendarju preċiż tal-adozzjoni formali tal-emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi għadhom ma humiex magħrufa b'mod definittiv fil-mument tat-tħejjija ta' din il-pubblikazzjoni u għad fadal ħidma li għandha titwettaq, b'mod partikolari fir-rigward tal-emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali meħtieġa mill-applikazzjoni ta' din ir-riforma. Madankollu, bħala prinċipju, din l-approvazzjoni tiftaħ il-bieb għal definizzjoni mill-ġdid tal-qafas tal-funzjonament tal-qrati tal-Unjoni għas-snin li ġejjin.

Fir-rigward tal-kompożizzjoni tagħha, fl-2023 kien hemm bidla fil-Qorti tal-Ġustizzja marbuta mat-tluq tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella wara l-ħatra tiegħu bħala Mħallef fil-Qorti Kostituzzjonali Taljana.

Fir-rigward tal-istatistika tas-sena li għaddiet, din tirrifletti, għal darba oħra, in-natura intensiva tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn l-aħħar snin. B'hekk, fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita bi 821 kawża, jiġifieri ftit kawżi iktar milli fl-2022, u għalqet 783 kawża, jiġifieri numru pjuttost simili għal dak tat-tliet snin preċedenti. It-tul medju tal-proċeduri, meta jitqiesu t-tipi kollha ta' kawżi, kien ta' 16.1 xhur u n-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' 1 149 kawża.









**783**

kawża maqtugħa

**532** proċedura għal deċiżjoni preliminari

**4** PPU

**36** rikors dirett, li minnhom: **18**-il nuqqas ikkonstatat kontra **13**-il Stat Membru

**3** sentenzi dwar it-"tieni nuqqas"

**201** appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, li minnhom:

**37** appell li jannullaw id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali

Tul medju tal-kawżi: **16.1 xhur**

Tul medju tal-proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari: **4.3 mois**

**1 149**

kawża pendenti fil-31 ta' Diċembru 2023

| Suġġetti ewlenin ittrattati | |
|---|---|
| Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni | **143** |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | **118** |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni | **88** |
| Tassazzjoni | **83** |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | **76** |
| Trasport | **63** |
| Ambjent | **51** |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | **50** |
| Politika soċjali | **47** |
| Proprjetà intellettwali | **47** |

Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Il-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kkostitwita minn 27 Imħallef u minn 11-il Avukat Ġenerali.

L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati proposti li jaqdu l-funzjonijiet inkwistjoni. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded.

Huma jintgħażlu minn fost personalitajiet li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla karigi ġudizzjarji, jew li huma ġuristi ta' kompetenza magħrufa.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jaħtru minn fosthom il-President u l-Viċi President. L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Avukati Ġenerali huma mistennija jippreżentaw, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, opinjoni ġuridika, imsejħa "konklużjonijiet", fil-kawżi li jiġu assenjati lilhom. Dawn il-konklużjonijiet ma humiex vinkolanti, imma jippermettu li tingħata ħarsa addizzjonali lejn is-suġġett tat-tilwima.

**Fl-2023 ma nħatar ebda Membru ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja.**




7
8
9
10
12
14
15



**K. Lenaerts**
President



**L. Bay Larsen**
Viċi President



**A. Arabadjiev**
President
tal-Ewwel Awla



**A. Prechal**
Presidenta
tat-Tieni Awla



**K. Jürimäe**
Presidenta
tat-Tielet Awla



**C. Lycourgos**
President
tar-Raba' Awla



**E. Regan**
President
tal-Ħames Awla



**M. Szpunar**
Avukat Ġenerali
Ewlien



**T. von Danwitz**
President
tas-Sitt Awla



**F. Biltgen**
President
tas-Seba' Awla



**N. J. Cardoso da Silva Piçarra**
President
tat-Tmien Awla



**Z. Csehi**
President
tal-Għaxar Awla



**O. Spineanu-Matei**
Presidenta
tad-Disa' Awla



**J. Kokott**
Avukata Ġenerali



**M. Ilešič**
Imħallef



**J.-C. Bonichot**
Imħallef



**M. Safjan**
Imħallef



**S. Rodin**
Imħallef



**M. Campos Sánchez-Bordona**
Avukat Ġenerali



**P. G. Xuereb**
Imħallef



**L. S. Rossi**
Imħallef



**I. Jarukaitis**
Imħallef



**P. Pikamäe**
Avukat Ġenerali



**A. Kumin**
Imħallef



**N. Jääskinen**
Imħallef



**N. Wahl**
Imħallef



**J. Richard de la Tour**
Avukat Ġenerali



**A. Rantos**
Avukat Ġenerali



**I. Ziemele**
Imħallef



**J. Passer**
Imħallef



**D. Gratsias**
Imħallef



**M. L. Arastey Sahún**
Imħallef



**A. M. Collins**
Avukat Ġenerali



**M. Gavalec**
Imħallef



**N. Emiliou**
Avukat Ġenerali



**T. Ćapeta**
Avukata Ġenerali



**L. Medina**
Avukata Ġenerali



**A. Calot Escobar**
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mill-15 ta' Novembru 2023

# B Il-Qorti Ġenerali fl-2023

Il-Qorti Ġenerali tista' prinċipalment tiġi adita, fl-ewwel istanza, b'**rikorsi diretti** ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi (individwi, kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.), meta dawn ikunu **individwalment u direttament ikkonċernati,** u mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll b'rikorsi diretti intiżi li jinkiseb il-kumpens għad-danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-membri tal-persunal tagħhom.

Parti kbira mill-kawżi tagħha huma ta' **natura ekonomika**: proprjetà intellettwali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajnuna mill-Istat u sorveljanza bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti sabiex taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku dwar tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.

Id-**deċiżjonijiet** tal-Qorti Ġenerali **jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell**, fuq punti ta' liġi biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, u mbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni ta' natura sinjifikattiva għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.



**Marc van der Woude**
President tal-Qorti Ġenerali

## L-attività u l-evoluzzjoni tal-Qorti Ġenerali

Matul is-sena 2023, ir-riforma tal-Qorti Ġenerali li kienet tipprevedi l-irdoppjar tan-numru ta' Mħallfin tagħha (Regolament 2015/2422) laħqet l-effetti kollha tagħha. L-istatistika ġudizzjarja tal-qorti hija xhieda ta' dan. Il-Qorti Ġenerali għalqet 904 kawżi u tressqu 868 kawża (jekk ma ninkludux 404 kawżi identiċi mressqa fl-aħħar tas-sena), u b'hekk naqqset in-numru ta' kawżi pendenti. Barra minn hekk, it-tul medju tal-proċeduri nżamm f'livell sodisfaċenti: medja ta' 18.2 xhur, li huwa indikatur ta' ġestjoni effikaċi tal-kawżi.

Fl-istess ħin, il-Qorti Ġenerali kkonsolidat il-prassi tagħha li tibgħat iktar kawżi quddiem kulleġġi ġudikanti estiżi. Fl-2023, 13.6 % tal-kawżi magħluqa ngħalqu minn kulleġġi ġudikanti estiżi u mhux inqas minn 120 kawża ntbagħtu quddiem tali kulleġġi ġudikanti. Għal ċerti kawżi ta' importanza eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali ma għadhiex toqgħod lura milli tibgħathom quddiem l-Awla Manja tagħha, komposta minn 15-il Imħallef. B'mod partikolari, kien dan il-kulleġġ ġudikanti solenni tal-Qorti Ġenerali li ta s-sentenza fil-kawża *Il-Venezwela vs Il-Kunsill* dwar miżuri restrittivi meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra impriżi u ċittadini tal-Venezwela (T-65/18 RENV; ara l-kapitolu "Ħarsa lejn is-sentenzi ewlenin tas-sena"). Intbagħtu wkoll quddiem l-Awla Manja erba' kawżi mressqa

**1 271 ***

kawża mressqa

**1 148**

rikors dirett, li minnhom:

| | |
|---|---|
| Proprjetà intellettwali u industrijali | **309** |
| Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea | **75** |
| Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni | **23** |

**13**-il rikors ippreżentat mill-Istati Membri

**65**

talba għal għajnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika minn għajnuna legali.

minn erba' organizzazzjonijiet Ewropej ta' mħallfin dwar il-pjan nazzjonali Pollakk għall-irkupru u għar-reżiljenza (T-530/22 sa T-533/22), u żewġ kawżi relatati mal-miżuri restrittivi implimentati mill-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Russja minħabba l-gwerra fl-Ukraina (Kawżi T-635/22 u T-644/22).

Dawn ir-riżultati sodisfaċenti huma parzjalment dovuti għall-istabbiltà tal-kompożizzjoni tal-qorti. Fil-fatt, tnejn biss mill-Imħallfin tagħha telqu mill-kariga tagħhom fl-2023, jiġifieri l-Imħallfin S. Frimodt Nielsen u V. Valančius, issostitwiti rispettivament mill-Imħallfin S. L. Kalėda u L. Spangsberg Grønfeldt. Dawn l-Imħallfin għandhom jiġu rringrazzjati għall-kontribut tagħhom għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tal-Unjoni. Is-sena 2023 rat ukoll it-tluq tar-Reġistratur E. Coulon, wara 18-il sena ta' servizz leali, kif ukoll il-wasla tas-suċċessur tiegħu, V. Di Bucci. Fl-okkażjoni tat-tluq ta' E. Coulon, ġie organizzat kollokju dwar id-dritt proċedurali tal-Unjoni b'diskorsi u interventi ta' livell għoli.

Matul is-sena 2023, il-Qorti Ġenerali kompliet il-proċess ta' modernizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari sabiex ittejjeb it-trattament tal-iktar kawżi voluminużi u kumplessi. Dawn il-kawżi, ġeneralment fil-qasam tad-dritt ekonomiku u finanzjarju, jistħoqqilhom approċċ proattiv u adattat kemm fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi, kif ukoll f'termini ta' ppjanar tal-ħidma. Dan l-approċċ, li fih ser ikunu involuti r-rappreżentanti tal-partijiet, għandu jippermetti li jitnaqqas it-tul tal-istanza u li jintlaħqu b'mod aħjar l-aspettattivi tal-partijiet.

Barra minn hekk, sabiex tissodisfa bis-sħiħ l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet fil-kawża fil-perspettiva tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari fir-rigward ta' ċerti oqsma speċifiċi u tal-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, matul is-sena 2023 il-Qorti Ġenerali ħadmet fuq l-iżviluppi neċessarji fir-rigward tal-modalitajiet ta' organizzazzjoni tagħha kif ukoll fuq ir-regoli proċedurali futuri tagħha.



* Fl-aħħar tal-2023 tressqet sensiela eċċezzjoni ta' 404 kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali. Dawn il-kawżi, li huma identiċi fis-sustanza tagħhom, jikkonċernaw id-drittijiet kweżiti jew fil-proċess li jsiru kweżiti taħt l-iskema tal-pensjoni komplementari tal-Membri tal-Parlament Ewropew. Dawn il-kawżi ġew magħquda. Jekk jingħaddu bħala kawża waħda, iċ-ċifri netti jkunu ta' 868 kawża mressqa u 1 438 kawża pendenti.



**Savvas S. Papasavvas**
Viċi President tal-Qorti Ġenerali

## Innovazzjonijiet fil-ġurisprudenza

In-natura tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali tevolvi l-ħin kollu. Xprunata mir-rikorsi ppreżentati mill-individwi, kull sentenza tikkontribwixxi ġebla għall-binja ġurisprudenzjali. Is-sena 2023 ma kinitx eċċezzjoni għar-regola u l-Qorti Ġenerali indirizzat kwistjonijiet ġodda f'oqsma klassiċi iżda pprovdiet ukoll l-ewwel deċiżjonijiet f'oqsma ta' litigazzjoni li għadhom qegħdin jiżviluppaw b'mod sħiħ. Matul din is-sena, l-Awla Manja kellha wkoll l-opportunità tindirizza kwistjoni unika tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

Sa mill-ħolqien tagħha, l-istħarriġ tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni kien jagħmel parti mill-kontenzjuż fdat lill-Qorti Ġenerali. Għalhekk, din tal-aħħar għandha għarfien partikolari f'dan il-qasam. Madankollu, peress li l-ambjent ġuridiku, kemm f'dan il-qasam kif ukoll f'oħrajn, huwa suġġett għal żvilupp kostanti, il-Qorti Ġenerali regolarment ikollha teżamina kwistjonijiet mingħajr preċedent. Dan kien il-każ, b'mod partikolari, fis-sentenza tal-24 ta' Mejju 2023, *Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni* (T-451/20), mogħtija f'kawża li fiha l-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-ewwel darba, il-legalità ta' talba għal informazzjoni permezz ta' termini ta' tfittxija taħt ir-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-legalità ta' proċedura ta' sala virtwali tad-data għall-ipproċessar ta' dokumenti li fihom data personali sensittiva. Il-Qorti Ġenerali kellha tiżgura ruħha li l-Kummissjoni kienet illimitat it-talba tagħha biss għall-informazzjoni neċessarja għall-verifika tal-preżunzjonijiet ta' ksur li kienu jiġġustifikaw it-tmexxija tal-investigazzjoni tagħha. (ara l-artikolu "Focus").

Bl-istess mod, għalkemm hija suġġett klassiku u ddefinit sew, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea tat lok għal kwistjonijiet interessanti u ġodda. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għal kumpens għad-danni materjali u morali li International Management Group allega li ġarrab wara l-iżvelar, fl-istampa, ta' rapport ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fuq l-istatus ġuridiku tiegħu. Ir-rikorrent invoka l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni, li magħha huwa kien ikkonkluda diversi ftehimiet, kif ukoll tal-aġir tal-OLAF. F'dan il-kuntest, f'sentenza tat-28 ta' Ġunju 2023, *IMG vs Il-Kummissjoni* (T-752/20), il-Qorti Ġenerali għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

Fost is-suġġetti tal-kawżi li qegħdin jiżviluppaw b'mod sħiħ, għandhom jissemmew il-kawżi bankarji u finanzjarji. B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali qiegħda tintalab tieħu konjizzjoni ta' numru dejjem jikber ta' rikorsi li jirriżultaw mill-introduzzjoni, fl-2014, tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Dan il-mekkaniżmu jipprevedi qafas għall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-banek sinjifikattivi f'ċerti Stati Membri. Dan il-mekkaniżmu jistrieħ, b'mod partikolari, fuq il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, li għandu l-kompitu li jħejji u jimplimenta r-riżoluzzjoni tal-banek li x'aktarx ifallu jew li jkunu qegħdin ifallu. B'mod partikolari, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija

fit-22 ta' Novembru 2023, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni mingħajr ebda preċedent dwar talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni dwar il-possibbiltà ta' kumpens għall-azzjonisti u għall-kredituri affettwati b'riżultat ta' riżoluzzjoni bankarja (il-Kawżi magħquda T-302/20, T-303/20 u T-307/20, *Del Valle Ruíz et vs SRB*, kif ukoll il-Kawżi T-304/20, *Molina Fernández vs SRB*, T-330/20, *ACMO et vs SRB*, u T-340/20, *Galván Fernández-Guillén vs SRB*).

Fl-aħħar nett, ma tistax ma tissemmiex, fost l-iżviluppi ġurisprudenzjali ġodda li kkaratterizzaw is-sena li għaddiet, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2023, *Il-Venezwela vs Il-Kunsill* (T-65/18 RENV; ara l-kapitolu "Ħarsa lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena"). Bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-legalità ta' miżuri restrittivi kontra Stat terz, f'dan il-każ il-Venezwela, minħabba d-degradazzjoni kostanti, f'dan il-pajjiż, tas-sitwazzjoni f'termini ta' demokrazija, ta' Stat tad-dritt u ta' drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina l-kwistjonijiet delikati marbuta mad-dritt għal smigħ ta' dan l-Istat terz u l-allegat ksur tad-dritt internazzjonali invokat minnu.







**904**

kawżi maqtugħa

**786**

rikors dirett, li minnhom:

| | |
|---|---|
| Proprjetà intellettwali u industrijali | **278** |
| Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni | **163** |
| Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea | **66** |

**14**-il rikors ippreżentat mill-Istati Membri

Tul medju tal-kawżi **18.2 xhur**

Perċentwali ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja: **31 %**

**1 841**

kawża pendenti (fil-31 ta' Diċembru 2023)

| Suġġetti ewlenin ittrattati | |
|---|---|
| Dritt istituzzjonali | **543** |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | **330** |
| Politika ekonomika u monetarja | **238** |
| Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni | **176** |
| Miżuri restrittivi | **116** |
| Servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea | **111** |
| Aċċess għad-dokumenti | **35** |
| Saħħa pubblika | **32** |
| Agrikoltura | **30** |
| Politika kummerċjali | **29** |

Ara l-istatistika ddettaljata tal-Qorti Ġenerali

# Il-Membri tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali hija kkostitwita minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

L-Imħallfin jintgħażlu minn fost persuni li jipprovdu garanzija ta' indipendenza sħiħa u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jokkupaw l-ogħla karigi ġudizzjarji. Huma jinħatru bi ftehim komuni mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, wara konsultazzjoni ma' kumitat responsabbli sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati. Il-mandat tagħhom huwa għal sitt snin u jista' jiġġedded. Huma jinnominaw minn fosthom, għal tliet snin, il-President u l-Viċi President. Huma jaħtru r-Reġistratur għal mandat ta' sitt snin.

L-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa.

**F'Ġunju 2023, Vittorio Di Bucci nħatar bħala r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali.**

**F'Settembru 2023, żewġ Imħallfin daħlu fil-kariga fil-Qorti Ġenerali: Saulius Lukas Kalėda (il-Litwanja) u Louise Spangsberg Grønfeldt (id-Danimarka)**







**J. Martín y Pérez de Nanclares**
Imħallef



**G. Hesse**
Imħallef



**M. Sampol Pucurull**
Imħallef



**M. Stancu**
Imħallef



**P. Škvařilová-Pelzl**
Imħallef



**I. Nõmm**
Imħallef



**G. Steinfatt**
Imħallef



**R. Norkus**
Imħallef



**T. Perišin**
Imħallef



**D. Petrlík**
Imħallef



**M. Brkan**
Imħallef



**P. Zilgalvis**
Imħallef



**K. Kecsmár**
Imħallef



**I. Gâlea**
Imħallef



**I. Dimitrakopoulos**
Imħallef



**D. Kukovec**
Imħallef



**S. Kingston**
Imħallef



**T. Tóth**
Imħallef



**B. Ricziová**
Imħallef



**E. Tichy-Fisslberger**
Imħallef



**W. Valasidis**
Imħallef



**S. Verschuur**
Imħallef



**S. Lukas Kalėda**
Imħallef



**L. Spangsberg Grønfeldt**
Imħallef



**V. Di Bucci**
Reġistratur

Ordni protokollari b'effett mis-27 ta' Settembru 2023

# C Il-ġurisprudenza fl-2023

## Focus Interazzjoni bejn il-protezzjoni tad-data personali u d-dritt tal-kompetizzjoni

### Sentenza *Meta Platforms et* tal-4 ta' Lulju 2023 (C-252/21)




L-awtorità federali Ġermaniża tal-kompetizzjoni pprojbixxiet lill-kumpanniji tal-grupp Meta milli jissuġġettaw l-użu tan-network soċjali Facebook mill-utenti tiegħu fil-Ġermanja għall-ipproċessar tad-data "off Facebook" tagħhom mingħajr il-kunsens tagħhom. Hija qieset li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni ma kienx konformi mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-GDPR) u għalhekk kien jikkostitwixxi abbuż, mill-grupp Meta, tal-pożizzjoni dominanti tiegħu.

Adita minn qorti Ġermaniża fil-kuntest ta' kawża mressqa mill-grupp Meta kontra din il-projbizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru għandha d-dritt tikkonstata, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar abbuż minn pożizzjoni dominanti, ksur tal-GDPR. Madankollu, hija għandha tikkoopera b'mod leali mal-awtoritajiet superviżorji speċifiċi stabbiliti minn dan ir-regolament. Fil-każ li l-aġir eżaminat diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet jew tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtorità tal-kompetizzjoni tkun marbuta mill-evalwazzjonijiet tagħhom dwar il-GDPR.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni wkoll dwar il-kwistjoni jekk l-ipproċessar ta' data msejħa "sensittiva", bħala prinċipju pprojbit mill-GDPR, jistax eċċezzjonalment ikun permess fil-każijiet fejn din id-data tkun manifestament magħmula pubblika mis-suġġett tad-data inkwistjoni. Hija ddeċidiet li s-sempliċi fatt li utent jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet li jistgħu jiżvelaw data sensittiva, bħalma huma l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew l-orjentazzjoni sesswali, ma jfissirx li huwa jkun għamel id-data tiegħu manifestament

**GDPR**

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (magħruf bħala il-"GDPR") jistandardizza u jirregola d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali taħt sistema unika.

Il-GDPR jimponi obbligi fuq kull korp, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, kemm-il darba dan il-korp jiġbor data personali fit-territorju tal-Unjoni. Il-korpi li jiksru l-obbligi tal-GDPR jesponu ruħhom għal tipi differenti ta' sanzjonijiet.

Fl-era diġitali, permezz tal-GDPR, l-Unjoni tistabbilixxi diversi drittijiet favur l-individwi, bħalma huma d-dritt għall-informazzjoni, id-dritt li wieħed jintesa, id-dritt għall-aċċess kif ukoll għat-tħassir tad-data personali miġbura, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ħajja privata tagħhom. Dawn ir-regoli huma meqjusa bħala l-iktar regoli stretti fid-dinja fir-rigward tal-protezzjoni tad-data.

pubblika, fis-sens tal-GDPR. L-istess japplika meta utent idaħħal data jew jattiva buttuni ta' selezzjoni integrati, sakemm ma jkunx esprima minn qabel, b'mod espliċitu, l-għażla tiegħu li jagħmel din id-data aċċessibbli pubblikament għal numru illimitat ta' persuni.

Il-fatt li l-operatur tan-network jokkupa pożizzjoni dominanti ma jipprekludix li l-utent ikun jista' validament u liberament jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data tiegħu. Madankollu, peress li din il-pożizzjoni dominanti tista' taffettwa l-libertà tal-għażla tal-utenti, dan huwa element importanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dan il-kunsens effettivament ikunx ingħata b'mod validu. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li huwa l-operatur li għandu jipprova l-eżistenza ta' dan il-kunsens.

**Data "off Facebook"**

Meta Platforms Ireland tiġġestixxi l-offerta tan-network soċjali online Facebook fl-Unjoni. Mar-reġistrazzjoni tagħhom fuq Facebook, l-utenti tiegħu jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn din il-kumpannija, li jinkludu l-politika ta' użu tad-data u l-politika tal-użu tal-cookies. Skont dawn il-politiki, Meta Platforms Ireland tiġbor data marbuta mal-attivitajiet tal-utenti ġewwa u barra n-network soċjali u tikkorrelata din id-data mal-kontijiet Facebook tal-utenti kkonċernati. Din id-data, magħrufa wkoll bħala data "off Facebook", tikkonċerna b'mod partikolari l-konsultazzjoni ta' paġni tal-internet u ta' applikazzjonijiet terzi kif ukoll l-użu ta' servizzi online oħra li jappartjenu lill-grupp Meta (fosthom Instagram u WhatsApp). Il-ġbir ta' din id-data jippermetti l-personalizzazzjoni tal-messaġġi pubbliċitarji intiżi għall-utenti ta' Facebook.



# Focus Setgħa regolatorja tal-FIFA u tal-UEFA u d-dritt tal-Unjoni

## Sentenza *European Superleague Company* tal-21 ta' Diċembru 2023 (C-333/21)

Il-FIFA u l-UEA huma federazzjonijiet tal-futbol internazzjonali li jmexxu l-futbol professjonali fl-Ewropa. Huma adottaw regoli li jagħtuhom is-setgħa jawtorizzaw il-kompetizzjonijiet Ewropej tal-futbol bejn il-klabbs u jisfruttaw id-diversi drittijiet tax-xandir korrispondenti. L-UEFA torganizza wkoll kompetizzjonijiet bejn klabbs Ewropej bħalma hija, pereżempju, iċ-Champions League.

Tnax-il klabb Ewropew tal-futbol xtaqu joħolqu proġett ta' kompetizzjoni ġdida tal-futbol: is-Superleague. Dan il-proġett kellu l-potenzjal li jaffettwa l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet bejn il-klabbs tal-UEFA u l-isfruttament tad-drittijiet tax-xandir korrispondenti. Il-FIFA u l-UEFA oġġezzjonaw għall-proġett u heddu li jimponu sanzjonijiet fuq il-klabbs u l-plejers li jiddeċiedu li jipparteċipaw f'dan il-proġett.

L-impriża responsabbli għall-proġett, European Superleague Company, ikkontestat ir-regoli tal-FIFA u tal-UEFA quddiem qorti ta' Madrid, li għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, li jipprojbixxi l-ostakoli għall-kompetizzjoni ħielsa u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Filwaqt li fakkret il-ġurisprudenza "Bosman" tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi u l-isfruttament tad-drittijiet tax-xandir korrispondenti jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni.

Hija ddeċidiet li s-setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni li jgawdu l-FIFA u l-UEFA fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tal-futbol potenzjalment kompetituri, bħalma huwa l-proġett Superleague, għandhom jiġu eżerċitati b'mod trasparenti, oġġettiv, nondiskriminatorju u proporzjonat, għaliex inkella jkunu jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-regoli tal-FIFA u tal-UEFA dwar l-isfruttament tad-drittijiet tax-xandir jkunu ta' natura li jmorru kontra d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jekk ma jkunux ta' benefiċċju għad-diversi atturi involuti fil-futbol, pereżempju billi jiżguraw distribuzzjoni mill-ġdid b'solidarjetà tad-dħul iġġenerat. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dawn ir-regoli setgħu jippreġudikaw lill-klabbs Ewropej tal-futbol, lill-impriżi li joperaw fis-swieq tax-xandir kif ukoll lill-konsumaturi u lit-telespettaturi, billi jipprekluduhom milli jibbenefikaw minn kompetizzjonijiet ġodda ta' natura potenzjalment innovattiva jew interessanti.

**Il-ġurisprudenza "Bosman"**

Fis-sentenza storika *Bosman* tagħha tal-15 ta' Diċembru 1995 (C-415/93), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżerċizzju ta' sport jikkostitwixxi, bħala regola ġenerali, attività ekonomika li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni. Hija kkunsidrat ukoll li l-moviment liberu tal-ħaddiema jipprekludi:

- klawżoli dwar in-nazzjonalità adottati minn federazzjonijiet sportivi li jipprovdu li l-klabbs sportivi ma jistax ikollhom iktar minn numru limitat ta' plejers professjonali ċittadini ta' Stati Membri oħra, u
- klawżoli dwar it-trasferiment stabbiliti minn dawn il-federazzjonijiet li jipprovdu li plejer professjonali ċittadin ta' Stat Membru, mal-iskadenza tal-kuntratt li jorbtu ma' klabb, ma jistax jiġi impjegat minn klabb ta' Stat Membru ieħor sakemm dan tal-aħħar ma jħallasx kumpens lill-klabb ta' oriġini.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-isport**

Sa mis-sentenza Bosman, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha diversi opportunitajiet sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' sport fid-dawl tad-dritt ekonomiku tal-Unjoni:

- il-klawżoli dwar in-nazzjonalità li kienu s-suġġett tas-sentenza *Bosman* fir-rigward tal-atleti ċittadini tal-Istati Membri lanqas ma jistgħu jiġu applikati għall-atleti minn Stat li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim ta' assoċjazzjoni jew ta' sħubija (sentenzi *Deutscher Handballbund* tat-8 ta' Mejju 2003 (C-438/00) u *Simutenkov* tat-12 ta' April 2005 (C-265/03)),
- ir-regoli kontra d-doping tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali huma koperti mid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni iżda ma jmorrux kontra dan id-dritt peress li huma meħtieġa għall-iżvolġiment korrett tal-kompetizzjonijiet sportivi (sentenza *Meca-Medina and Majcen vs Il-Kummissjoni* tat-18 ta' Lulju 2006 (C-519/04 P)),
- il-klabbs tal-futbol jistgħu jitolbu kumpens proporzjonat għat-taħriġ tal-plejers ta' età żgħira mħarrġa minnhom meta dawn il-plejers ikunu jixtiequ jikkonkludu l-ewwel kuntratt professjonali tagħhom ma' klabb ta' Stat Membru ieħor (sentenza *Olympique Lyonnais* tas-16 ta' Marzu 2010 (C-325/08)).

# Focus Protezzjoni tad-data personali u l-ġlieda kontra l-ksur fil-qasam tal-kompetizzjoni bejn impriżi

## Sentenza *Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni* tal-24 ta' Mejju 2023 (T-451/20)

Fl-2020, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar suspett ta' aġir antikompetittiv min-naħa tal-grupp Facebook, fl-użu tiegħu tad-data personali u fil-ġestjoni tal-pjattaforma tan-network soċjali tiegħu, il-Kummissjoni eżiġiet li Meta Platforms Ireland tipprovdilha d-dokumenti kollha ppreparati jew irċevuti minn tlieta mid-diretturi tagħha u li kien fihom terminu speċifiku wieħed jew iktar.

Dawn it-termini kienu jinkludu, fost oħrajn, l-espressjonijiet "big question" (kwistjoni kbira), "for free" (b'xejn), "not good for us" (mhux tajjeb għalina) u "shut * down" (magħluq/għalaq).

Fin-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, Meta kellha tkun suġġetta għal pagamenti ta' penalità potenzjali ta' EUR 8 miljun għal kull jum.

Quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, Meta kkontestat il-legalità ta' din it-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Skont Meta, tali termini ta' tfittxija kienu manifestament vagi u ġenerali wisq u kienu jikkostitwixxu "sajda għal informazzjoni" fuq skala kbira.




**Setgħat investigattivi tal-Kummissjoni**

Ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu l-akkordji bejn impriżi, id-deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi u l-prattiċi miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jistgħu jwasslu għall-prevenzjoni, għar-restrizzjoni jew għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern (Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)). Dawn ir-regoli jipprojbixxu wkoll lill-impriżi li jkollhom pożizzjoni dominanti f'suq milli jabbużaw minn din il-pożizzjoni, pereżempju billi japplikaw prezzijiet żleali, billi jillimitaw il-produzzjoni jew billi jirrifjutaw li jagħmlu innovazzjonijiet għad-detriment tal-konsumaturi (Artikolu 102 TFUE).

Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea Nru 1/2003 għandu rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni. Huwa jagħti lill-Kummissjoni Ewropea setgħa investigattiva wiesgħa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista' twettaq spezzjonijiet u tinterroga kull persuna li jista' jkollha informazzjoni rilevanti.

Fl-istess ħin, Meta ressqet talba għal miżuri provviżorji sabiex it-talba tal-Kummissjoni tiġi sospiża sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fuq il-mertu tal-kawża.

Fid-29 ta' Ottubru 2020, il-President tal-Qorti Ġenerali ta deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri provviżorji. Huwa ordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea sakemm tiġi stabbilita proċedura speċifika għall-produzzjoni tad-dokumenti mitluba li ma kellhomx rabta mal-attivitajiet kummerċjali ta' Meta u li kienu jinkludu, barra minn hekk, data personali sensittiva ("dokumenti protetti"). Sabiex tapplika dan id-digriet, il-Kummissjoni stabbilixxiet proċedura ta' sala tad-data virtwali għal dawn id-dokumenti protetti. Skont din il-proċedura, id-dokumenti setgħu jiġu inklużi fil-fajl tal-investigazzjoni biss wara li jkunu ġew eżaminati f'din is-sala virtwali minn numru limitat ta' membri tat-tim inkarigat mill-investigazzjoni u mill-avukati ta' Meta.

Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-mertu tal-kawża. Hija ċaħdet ir-rikors ta' Meta fl-intier tiegħu.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali fakkret is-setgħat investigattivi wiesgħa tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkontrolla jekk l-impriżi josservawx ir-regoli tal-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, l-użu ta' termini ta' tfittxija speċifiċi jista' jkun utli.

**META**

Meta hija impriża teknoloġika multinazzjonali li s-sede tagħha tinsab fl-Istati Uniti. Minbarra Instagram u WhatsApp, wieħed mill-prodotti ewlenin tagħha huwa n-network soċjali tagħha Facebook, li jippermetti lill-utenti rreġistrati joħolqu profili, itellgħu ritratti u videos, jibagħtu messaġġi u jżommu kuntatt ma' persuni oħra. Meta toffri wkoll servizz ta' reklami online, imsejjaħ Facebook Marketplace, li jippermetti lill-utenti jixtru u jbigħu oġġetti.

**Il-proċedura għal miżuri provviżorji**

It-talba għal miżuri provviżorji hija intiża li tinkiseb immedjatament is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ta' istituzzjoni, sakemm jiġi ttrattat ir-rikors u tingħata s-sentenza finali. Sabiex din il-miżura provviżorja tiġi ordnata mill-President tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors ma għandux ikun jidher, *prima facie*, infondat. Il-parti li tressaq it-talba għandha turi wkoll li, fl-assenza tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, hija ser iġġarrab dannu gravi u irreparabbli. Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni għandha tibbilanċja l-interess tal-parti li tressaq it-talba mal-interessi tal-partijiet l-oħra u mal-interess pubbliku.

Bi tweġiba għall-argument ta' Meta li investigazzjoni li tuża termini ta' tfittxija kienet tikkostitwixxi ndħil fil-ħajja privata tal-impjegati kkonċernati, il-Qorti Ġenerali qieset li din kienet miżura xierqa sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali, jiġifieri ż-żamma tas-sistema kompetittiva mixtieqa mit-Trattati tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat il-miżuri ta' akkumpanjament li kienu ttieħdu. Fil-fatt, id-dokumenti protetti kellhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fuq mezz elettroniku separat u kellhom jitqiegħdu f'sala tad-data virtwali. Din kienet aċċessibbli biss għal numru limitat ta' membri tat-tim inkarigat mill-investigazzjoni. L-għażla tad-dokumenti li kellhom jiġu inklużi fil-fajl kellha ssir fil-preżenza tal-avukati ta' Meta. Kien previst arbitraġġ fil-każ ta' nuqqas ta' qbil persistenti dwar il-klassifikazzjoni ta' dokument.

**Kawża T-452/20**

Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat fir-rigward ta' Meta Platforms Ireland talba għal informazzjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni parallela tagħha dwar ċerti prattiki relatati mal-pjattaforma Facebook Marketplace. Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Meta Platforms Ireland kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali f'sentenza tal-istess jum fil-Kawża T-452/20.

Meta appellat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mis-sentenzi T-451/20 u T-452/20 tal-Qorti Ġenerali (Kawżi pendenti C-497/23 P u C-496/23 P).





# Focus Protezzjoni tal-impriżi Ewropej kontra s-sanzjonijiet extraterritorjali tal-Istati Uniti

## Sentenza *IFIC Holding vs Il-Kummissjoni* tat-12 ta' Lulju 2023 (T-8/21)

Fl-2018, l-Istati Uniti rtiraw mill-ftehim nukleari mal-Iran, li kellu bħala għan il-kontroll tal-programm nukleari Iranjan u, bħala korrispettiv, it-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi fil-konfront tal-Iran. Wara dan l-irtirar, l-Istati Uniti reġgħu introduċew is-sanzjonijiet kontra l-Iran u lista ta' persuni li l-assi tagħhom ġew iffriżati. Kien ukoll ipprojbit għal darba oħra li jsir kummerċ ma' kull persuna jew entità li tidher fil-lista stabbilita mill-awtoritajiet Amerikani. Din il-projbizzjoni kienet tapplika wkoll għal impriżi stabbiliti barra mill-Istati Uniti, fosthom impriżi Ewropej.

Bi tweġiba għal din l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sanzjonijiet, l-Unjoni Ewropea aġġornat il-liġi tagħha msejħa "ta' mblukkar" sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-impriżi tagħha. Barra minn hekk, sabiex il-kumpanniji Ewropej jiġu protetti mill-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tas-sanzjonijiet Amerikani, huma ġew ipprojbiti milli jikkonformaw ma' dawn is-sanzjonijiet sakemm ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Ta' min jinnota li din l-awtorizzazzjoni tista' tingħata meta n-nuqqas ta' konformità ma' sanzjonijiet barranin ikun ta' natura li jippreġudika serjament l-interessi tal-impriża kkonċernata jew dawk tal-Unjoni.

IFIC Holding AG hija kumpannija Ġermaniża indirettament miżmuma mill-Istat Iranjan li ġiet miżjuda mal-lista fl-2018. Wara din ir-reġistrazzjoni, Clearstream Banking AG, l-uniku bank depożitarju ta' titoli awtorizzat fil-Ġermanja, interrompiet il-ħlas lil IFIC tad-dividendi li din tirċievi mingħand diversi impriżi Ġermaniżi li fihom hija għandha ishma, u ffriżathom f'kont separat.

Clearstream talbet ukoll lill-Kummissjoni l-awtorizzazzjoni sabiex tikkonforma ruħha mas-sanzjonijiet Amerikani fir-rigward tat-titoli jew tal-fondi ta' IFIC. Inizjalment, il-

**L-effett extraterritorjali tal-liġijiet adottati minn Stati terzi**

Wieħed jitkellem dwar extraterritorjalità ta' leġiżlazzjoni meta l-effett tagħha jestendi lil hinn mill-fruntieri tal-Istat li jkun adottaha. Il-liġi ta' mblukkar tal-Unjoni Ewropea (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96) tipproteġi lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni kontra l-applikazzjoni extraterritorjali tal-liġijiet ta' pajjiżi terzi. L-Unjoni Ewropea adottat din il-liġi fl-1996 sabiex tipproteġi lill-impriżi Ewropej li l-attivitajiet kummerċjali tagħhom ma' Kuba, mal-Iran jew mal-Libja kienu fil-mira tal-Istati Uniti.

Fl-2018, b'reazzjoni għall-irtirar tal-Istati Uniti mill-ftehim nukleari mal-Iran, l-Unjoni aġġornat il-liġi ta' mblukkar tagħha sabiex tinkludi fiha s-sanzjonijiet extraterritorjali Amerikani li kienu għadhom kemm ġew imposti mill-ġdid. Dan l-approċċ jagħmel parti mill-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni kontinwa u kompleta tal-ftehim nukleari mal-Iran, b'mod partikolari billi jappoġġa r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn l-Unjoni u l-Iran.

Kummissjoni tat din l-awtorizzazzjoni, f'April 2020, għal 12-il xahar, u sussegwentement ġedditha fl-2021 u fl-2022. IFIC ikkontestat dawn id-deċiżjonijiet billi ppreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' IFIC, u b'hekk awtorizzat lil Clearstream Banking AG tikkonforma ruħha mas-sanzjonijiet Amerikani imposti fuq l-Iran. Il-Qorti Ġenerali qieset li, għalkemm kienet obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-impriża li titlob l-awtorizzazzjoni (Clearstream), il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-impriża inkluża fil-lista (IFIC) jew tesplora possibbiltajiet oħra inqas restrittivi għaliha. Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li l-għanijiet imfittxija mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' sanzjonijiet extraterritorjali ta' pajjiż terz kienu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tad-dritt ta' IFIC li tinstema' matul il-proċess deċiżjonali li jippreċedi l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, tal-awtorizzazzjoni tagħha.

**Ir-rikors għal annullament**

Ir-rikors għal annullament huwa intiż li jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha mbagħad issib rimedju għall-eventwali lakuna ġuridika li tinħoloq bl-annullament tal-att.

**Kawża Bank Melli Iran (C-124/20)**

F'din il-kawża l-oħra, BMI, bank tal-Istat Iranjan, invoka l-liġi ta' mblukkar quddiem il-qrati Ġermaniżi sabiex jikkontesta l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet Amerikani fil-Ġermanja. Il-Qorti tal-Ġustizzja, adita għall-ewwel darba fil-kuntest tal-liġi ta' mblukkar tal-Unjoni Ewropea, iddeċidiet li l-projbizzjoni prevista fid-dritt tal-Unjoni li wieħed jikkonforma ruħu mas-sanzjonijiet imposti mill-Istati Uniti kontra l-Iran setgħet tiġi invokata quddiem il-qrati nazzjonali fil-kuntest ta' proċedura ċivili.




CVRIA

# Ħarsa lejn l-iktar sentenzi importanti tas-sena

## Konsumaturi

**Il-politika Ewropea dwar il-konsumaturi għandha l-għan li tipproteġi s-saħħa, is-sigurtà u l-interessi ekonomiċi u legali tal-konsumaturi irrispettivament mill-post fejn jirrisjedu jew jiċċaqalqu jew minn fejn jixtru fl-Unjoni.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea**

Ara l-video fuq YouTube



Individwu fetaħ kawża kontra Mercedes-Benz Group għaliex qies li l-grupp kien ikkawżalu dannu billi installa fil-vettura tiegħu software (imsejjaħ apparat ta' manipulazzjoni) li jnaqqas ir-rati ta' riċirkolazzjoni tal-gassijiet tal-exhaust meta tkun il-kesħa. Fil-fehma tiegħu, dan is-software kellu konsegwenzi negattivi għall-ambjent u kien imur kontra d-dritt tal-Unjoni. Fid-dritt Ġermaniż, fil-każ ta' sempliċi negliġenza, jista' jiġi rrikonoxxut dritt għal kumpens meta tkun inkisret liġi intiża li tipproteġi lil ħaddieħor. Qorti Ġermaniża għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni jipproteġix l-interessi partikolari tax-xerrej individwali ta' tali vettura. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi rabta diretta bejn il-manifattur ta' vetturi u x-xerrej individwali ta' vettura bil-mutur. Għalhekk, **ix-xerrej ta' vettura bil-mutur mgħammra b'apparat ta' manipulazzjoni illegali jibbenefika minn dritt għal kumpens** min-naħa tal-manifattur ta' vetturi meta dan l-apparat ikun ikkawża dannu lil dan ix-xerrej.

Sentenza *Mercedes-Benz Group* tal-21 ta' Marzu 2023 (C-100/21)



Qorti Spanjola ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni lokali dwar is-servizzi ta' kiri ta' vetturi privati b'xufier ("VPX") fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona. Din il-leġiżlazzjoni kienet tipprovdi li l-impriżi li diġà kellhom awtorizzazzjoni sabiex jipprovdu dawn is-servizzi fil-livell nazzjonali kienu meħtieġa jiksbu liċenzja addizzjonali sabiex ikunu jistgħu joperaw fl-agglomerazzjoni ta' Barcelona. Din il-leġiżlazzjoni kienet tillimita wkoll in-numru ta' liċenzji ta' servizzi ta' VPX għal liċenzja waħda għal kull tletin liċenzja ta' servizzi tat-taxi mogħtija għal din l-agglomerazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kisba ta' liċenzja addizzjonali għal dik prevista fil-livell nazzjonali tista' tkun neċessarja għall-ġestjoni tajba tat-trasport, iżda li **l-limitazzjoni tan-numru ta' liċenzji tas-servizzi ta' VPX kienet tikkostitwixxi restrizzjoni mhux iġġustifikata għal-libertà ta' stabbiliment u għalhekk kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni**.

⊕ Sentenza *Prestige and Limousine* tat-8 ta' Ġunju 2023 (C-50/21)



Ċiklista li kien qiegħed juża rota b'assistenza elettrika fit-toroq pubbliċi qrib Bruges (il-Belġju) intlaqat minn vettura u miet ftit xhur wara. Matul il-proċedura ġudizzjarja intiża għall-istabbiliment ta' eventwali dritt għal kumpens, qamet tilwima dwar jekk rota b'assistenza elettrika kellhiex tiġi kklassifikata bħala "vettura". Din il-klassifikazzjoni (li tiddependi mill-interpretazzjoni ta' direttiva Ewropea) kienet kruċjali sabiex jiġi ddeterminat jekk il-vittma kienx is-sewwieq ta' "vettura bil-mutur" jew jekk setax jitlob kumpens awtomatiku bħala "utent dgħajjef tat-triq" skont il-liġi Belġjana. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **rota b'assistenza elettrika ma kinitx suġġetta għall-obbligu ta' assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur**, peress li ma kinitx operata esklużivament permezz ta' forza mekkanika. Fil-fatt, il-makkinarju li ma jitħaddimx esklużivament permezz ta' forza mekkanika, bħalma hija rota b'assistenza elettrika li tista' taċċellera sa veloċità ta' 20 km/h permezz ta' sforz muskolari inizjali, ma jidhirx li huwa ta' natura li jikkawża danni personali jew materjali komparabbli għal dawk li jistgħu jikkawżaw il-muturi, il-karozzi, it-trakkijiet jew vetturi oħra mħaddma esklużivament permezz ta' forza mekkanika, peress li dawn tal-aħħar jistgħu jsuqu b'mod sinjifikattivament iktar veloċi.

⊕ Sentenza *KBC Verzekeringen* tat-12 ta' Ottubru 2023 (C-96/22)

Il-pandemija tal-Covid-19 wasslet lil diversi Stati Membri, inkluża s-Slovakkja, sabiex jadottaw miżuri dwar ir-rimbors, mill-aġenziji tal-ivvjaġġar, ta' soġġorni kkanċellati għal raġunijiet ta' saħħa. Dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kienu jippermettu l-ħruġ ta' vouchers li setgħu jintużaw għal tmintax-il xahar, u kienu jiġu rrimborsati biss mal-iskadenza ta' dan it-terminu. Dawn l-inizjattivi kienu ġġustifikati mir-riskji ta' insolvenza u mid-diffikultajiet li kienu qegħdin jaffaċċjaw l-organizzaturi ta' vjaġġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw forza maġġuri sabiex jidderogaw mill-obbligu ta' rimbors sħiħ previst fid-Direttiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar**. Hija qieset li r-restituzzjoni tal-valur tal-vjaġġ għandha ssir fi flus: l-aġenti tal-ivvjaġġar ma jistgħux joffru vouchers, sakemm il-vjaġġatur ma jaċċettax tali modalità b'mod volontarju. Għalhekk, billi adottat emenda leġiżlattiva li ċċaħħad temporanjament lill-vjaġġaturi mid-dritt tagħhom li jxolju kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar mingħajr spejjeż u li jirċievu rimbors sħiħ, is-Slovakkja naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni.



**Sentenzi *UFC que Choisir u CLCV* (C-407/21) u *Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja* tat-8 ta' Ġunju 2023 (C-540/21)**



## Ambjent

**L-Unjoni timpenja ruħha sabiex tippreserva u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u tipproteġi s-saħħa tal-bniedem. Hija tibbaża ruħha fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' prevenzjoni kif ukoll fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-ambjent**

Ara l-video fuq YouTube



Fl-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Rumanija kienet naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li twaqqaf ir-rimi illegali ta' skart u li tagħlaq 68 sit ta' rimi mhux awtorizzati. Fl-2022, peress li qieset li r-Rumanija kienet għadha ma kkonformatx ruħha mas-sentenza tal-2018, il-Kummissjoni ppreżentat rikors ġdid għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Rumanija kienet għadha ma għalqitx 31 sit mhux awtorizzat. **Ir-Rumanija għalhekk ġiet ikkundannata tħallas** EUR 1.5 miljuni u EUR 600 għal kull jum ta' dewmien u għal kull sit mhux awtorizzat. Fl-iffissar ta' din il-multa, **il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas** tar-Rumanija. In-nuqqas ta' osservanza tas-sentenza tal-2018 kien jimplika riskju serju ta' tniġġis u effetti gravi għas-saħħa tal-bniedem minħabba r-rilaxx ta' sustanzi li jagħmlu ħsara fl-art, fl-ajru u fl-ilma.

Sentenza *Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija* tal-14 ta' Diċembru 2023 (C-109/22)

## Data personali

**L-Unjoni Ewropea għandha leġiżlazzjoni soda u konsistenti għall-protezzjoni tad-data personali. L-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data għandhom jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet ta' legalità previsti fil-leġiżlazzjoni u, b'mod partikolari, għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju u ma għandhomx jippreġudikaw b'mod sproporzjonat id-dritt għall-ħajja privata.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali**

Ara l-video fuq YouTube

Filwaqt li invoka l-GDPR, ċittadin talab lil Österreichische Post, l-operatur prinċipali tas-servizzi postali u loġistiċi fl-Awstrija, jindikalu l-identità tad-destinatarji li lilhom dan l-operatur kien ikkomunika d-data personali tiegħu. Il-Qorti Suprema Awstrijaka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-GDPR joffrix lis-suġġett tad-data kkonċernat id-dritt li jkun jaf l-identità konkreta tad-destinatarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li, **meta d-data personali tkun ġiet jew tkun ser tiġi kkomunikata lil destinatarji, il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar huwa obbligat jipprovdi lis-suġġett tad-data, fuq talba tiegħu, l-identità stess ta' dawn id-destinatarji**. Huwa biss meta ma jkunx (għadu) possibbli li jiġu identifikati dawn id-destinatarji li l-kontrollur jista' sempliċement jindika biss il-kategoriji ta' destinatarji inkwistjoni. Dan ikun il-każ ukoll meta dan il-kontrollur juri li t-talba tkun manifestament infondata jew eċċessiva.




Sentenza *Österreichische Post* tat-12 ta' Jannar 2023 (C-154/21)



Fl-2014, impjegat, li kien ukoll klijent tal-bank Pankki S, sar jaf li d-data personali tiegħu kienet ġiet ikkonsultata diversi drabi minn impjegati oħra tal-bank. Peress li kellu dubji dwar il-legalità ta' dawn il-konsultazzjonijiet, dan l-impjegat, li fil-frattemp kien tkeċċa minn Pankki S, talab lil dan il-bank jikkomunikalu l-identità tal-persuni li kienu kkonsultaw id-data tiegħu, id-dati eżatti li fihom seħħew il-konsultazzjonijiet kif ukoll ir-raġunijiet għaliex saru dawn il-konsultazzjonijiet. Pankki S irrifjuta li jiżvela l-identità tal-impjegati minħabba li din l-informazzjoni kienet tikkostitwixxi data personali ta' dawn l-impjegati. Fuq domanda preliminari minn qorti Finlandiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **kull persuna għandha d-dritt li tkun taf id-data li fiha, u r-raġunijiet għaliex, id-data personali tagħha tkun ġiet ikkonsultata** u li l-fatt li l-kontrollur jeżerċita attività bankarja ma jaffettwax il-portata ta' dan id-dritt.

⊕ Sentenza *Pankki S* tat-22 ta' Ġunju 2023 (C-579/21)



Fuq domanda mill-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika tipprekludi l-użu, f'investigazzjonijiet dwar il-korruzzjoni fis-servizz pubbliku, ta' data li tirriżulta mill-komunikazzjonijiet elettroniċi miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u mbagħad imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Barra minn hekk, data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, miżmuma minn fornituri għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet, **ma tistax tiġi trażmessa *a posteriori* lil awtoritajiet oħra sabiex jiġu miġġielda nuqqasijiet amministrattivi relatati mal-korruzzjoni**.



⊕ **Sentenza *Lietuvos Respublikos generalinė prokuratūra* tas-7 ta' Settembru 2023 (C-162/22)**

Pazjent talab lid-dentista tiegħu tipprovdilu, mingħajr ħlas, kopja tal-fajl mediku tiegħu, iżda d-dentista eżiġiet li l-pazjent iħallas għall-ispejjeż marbuta mal-provvista ta' din il-kopja. Peress li qies li kellu dritt għal kopja mingħajr ħlas, il-pazjent ressaq kawża quddiem il-qrati Ġermaniżi. B'risposta għad-domanda preliminari li saritilha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-GDPR jistabbilixxi d-dritt tal-pazjent li jikseb l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu mingħajr ma dan iwassal, bħala prinċipju, għal spejjeż u li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar seta' jitlob ħlas biss għal kopji ulterjuri. B'hekk, dentist għandu l-obbligu **jipprovdi mingħajr ħlas l-ewwel kopja tad-data** tal-pazjent mingħajr ma dan tal-aħħar ikollu jiġġustifika t-talba tiegħu.



⊕ **Sentenza *FT (Kopja tal-fajl mediku)* tas-26 ta' Ottubru 2023 (C-307/22)**

## Ugwaljanza fit-trattament u dritt industrijali

**Fl-Unjoni Ewropea hemm iktar minn 240 miljun ħaddiem. Għalhekk, għadd kbir ta' ċittadini jibbenefikaw direttament mid-dispożizzjonijiet tad-dritt industrijali Ewropew li jistabbilixxu standards minimi fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u b'hekk jikkompletaw il-politiki mħaddna mill-Istati Membri.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja: Garanzija ta' trattament ugwali u ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi**

⊕ Ara l-video fuq YouTube

**Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-post tax-xogħol – Ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema**

⊕ Ara l-video fuq YouTube



Fuq domanda preliminari minn qorti Pollakka, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li **l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni**, li toffri d-Direttiva 2000/78 dwar it-trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol, **tapplika għal kull attività professjonali** reali u eżerċitata fil-kuntest ta' relazzjoni ġuridika stabbli. Hija tapplika wkoll għal attività mwettqa minn imprenditur li jaħdem għal rasu abbażi ta' kuntratt għal xogħlijiet. Id-deċiżjoni li tali kuntratt jiġi tterminat u li ma jiġġeddidx tqiegħed lil ħaddiem li jaħdem għal rasu f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' impjegat imkeċċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li **l-libertà kuntrattwali ma tistax tiġġustifika r-rifjut li jiġi konkluż kuntratt ma' persuna minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħha**.

⊕ Sentenza *TP (Persuna li tħejji montaġġi awdjoviżivi għat-televiżjoni pubblika)* tat-12 ta' Jannar 2023 (C-356/21)

Pilota Ġermaniż kien jaħdem part-time għal kumpannija tal-ajru, u l-kuntratt ta' xogħol tiegħu kien jipprevedi remunerazzjoni bażika li kienet tiddependi mill-ħin ta' servizz fuq titjiriet. Huwa seta' jibbenefika wkoll minn remunerazzjoni addizzjonali jekk jagħmel ċertu numru ta' sigħat ta' servizz fuq titjiriet fix-xahar u jekk jaqbeż ċerti limiti stabbiliti fil-kuntratt tiegħu. Issa, dawn il-limiti kienu identiċi għall-piloti li jaħdmu full-time u għal dawk li jaħdmu part-time. Qorti Ġermaniża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk regoli nazzjonali li jirrikjedu li ħaddiem part-time jwettaq l-istess numru ta' sigħat ta' xogħol bħal ħaddiem full-time sabiex jikseb remunerazzjoni addizzjonali kinux jikkostitwixxu diskriminazzjoni pprojbita fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv, filwaqt li enfasizzat li **l-kisba ta' remunerazzjoni ogħla jekk jinqabeż ċertu numru ta' sigħat ta' xogħol ma tistax tisfavorixxi lill-ħaddiem part-time**.



⊕ **Sentenza *Lufthansa CityLine* tad-19 ta' Ottubru 2023 (C-660/20)**

Sewwieq tal-ferroviji impjegat minn MÁV-START, il-kumpannija ferrovjarja nazzjonali Ungeriża, ikkontesta d-deċiżjoni tal-persuna li timpjegah li ma tagħtihx perijodu ta' mistrieħ ta' kuljum ta' mill-inqas ħdax-il siegħa konsekuttiva. Skont id-Direttiva dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, dan il-perijodu ta' mistrieħ għandu jingħata lill-ħaddiem matul kull perijodu ta' 24 siegħa, meta dan il-perijodu jippreċedi jew isegwi perijodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew perijodu ta' leave. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa jikkostitwixxu żewġ drittijiet awtonomi li għandhom għanijiet distinti. **Il-perijodu ta' mistrieħ ta' kuljum ma jagħmilx parti mill-perijodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa iżda jiżdied miegħu, anki jekk jiġi direttament qablu.** Għaldaqstant, il-ħaddiema għandhom jiġu ggarantiti t-tgawdija effettiva ta' kull wieħed minn dawn id-drittijiet.



⊕ **Sentenza *MÁV-START* tat-2 ta' Marzu 2023 (C-477/21)**

## Ċittadinanza Ewropea

**Kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat tal-Unjoni hija awtomatikament ċittadin tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija addizzjonali għaċ-ċittadinanza nazzjonali u ma tissostitwixxihiex. Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea jibbenefikaw minn drittijiet speċifiċi ggarantiti mit-Trattati Ewropej.**



Bint omm Daniża u missier Amerikan li, sa mit-twelid tagħha fl-Istati Uniti, kellha nazzjonalità doppja, Daniża u Amerikana, talbet fid-Danimarka, fl-età ta' 22 sena, iż-żamma tan-nazzjonalità Daniża tagħha, li ġiet irrifjutata skont il-leġiżlazzjoni Daniża applikabbli. Fuq domanda preliminari minn qorti Daniża dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Danimarka tista', bħala prinċipju, tipprevedi li ċ-ċittadini tagħha mwielda barra mill-pajjiż u li qatt ma għexu fit-territorju tagħha jitilfu n-nazzjonalità Daniża fl-età ta' 22 sena. Madankollu, din il-miżura għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità meta twassal ukoll għat-telf taċ-ċittadinanza Ewropea. Dan ikun il-każ jekk il-persuna kkonċernata ma jkollhiex in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor. Għalhekk, **id-dritt tal-Unjoni jipprekludi t-telf definittiv tan-nazzjonalità Daniża, u għalhekk taċ-ċittadinanza Ewropea, mingħajr ma l-persuna kkonċernata tkun ġiet informata**, u mingħajr ma jkollha l-possibbiltà titlob eżami individwali tal-konsegwenzi ta' dan it-telf.

⊕ Sentenza *Udlændinge- og Integrationsministeriet* tal-5 ta' Settembru 2023 (C-689/21)

## Migrazzjoni

**L-Unjoni Ewropea adottat sett ta’ regoli għall-istabbiliment ta’ politika Ewropea effettiva, umanitarja u sigura dwar il-migrazzjoni. Is-sistema Ewropea komuni tal-ażil tistabbilixxi standards minimi applikabbli għall-ipproċessar ta’ dawk kollha li jkunu qegħdin ifittxu ażil u tal-applikazzjonijiet tagħhom fl-Unjoni kollha.**

Żewġ ċittadini Sirjani, X u Y, iżżewġu matul is-sena 2016 fis-Sirja u kellhom żewġt itfal. Fl-2019, Y telaq mis-Sirja għall-Belġju, filwaqt li X u ż-żewġt itfal tagħhom baqgħu fis-Sirja. Fl-2022, l-amministrazzjoni Belġjana rrikonoxxiet lil Y l-istatus ta’ refuġjat fil-Belġju. L-avukat ta’ X u tat-tfal talab, permezz ta’ ittra elettronika, ir-riunifikazzjoni tal-familja sabiex jingħaqdu ma’ Y fil-Belġju, filwaqt li indika li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali fil-Majjistral tas-Sirja kienu jipprekluduhom milli jmorru f’lokal diplomatiku Belġjan sabiex jippreżentaw l-applikazzjoni hemmhekk. L-Uffiċċju għall-Barranin wieġeb li l-leġiżlazzjoni Belġjana kienet tipprekludi l-applikazzjonijiet permezz ta’ posta elettronika u stieden lil X u lill-uliedha jikkuntattjaw l-ambaxxata Belġjana. Fuq domanda preliminari minn qorti Belġjana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **l-leġiżlazzjoni Belġjana li timponi preżenza personali f’lokal diplomatiku sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja tmur kontra d-dritt tal-Unjoni**. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tista’ tipprevedi l-possibbiltà li tkun meħtieġa d-dehra personali fi stadju ulterjuri.



⊕ Sentenza *Afrin* tat-18 ta’ April 2023 (C-1/23 PPU)



L-Ungerija introduċiet liġi li kienet tobbliga lill-persuni ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jinsabu fit-territorju tagħha jew li jippreżentaw ruħhom fil-fruntieri tagħha sabiex l-ewwel imorru f'waħda mill-ambaxxati tagħha barra mill-pajjiż, fis-Serbja jew fl-Ukraina, sabiex hemmhekk jippreżentaw dikjarazzjoni u jiksbu awtorizzazzjoni ta' dħul fit-territorju, qabel ma jkunu jistgħu jitolbu protezzjoni internazzjonali hemmhekk. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **l-Ungerija kienet ħolqot ostakoli mhux raġonevoli għall-applikanti għall-ażil, li jmorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, billi għamlet l-applikazzjoni għall-ażil eċċessivament kumplessa**. Din il-miżura ma tistax tiġi ġġustifikata mill-ġlieda kontra l-mard kontaġjuż fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19 peress li hija sproporzjonata fid-dawl tal-għan imfittex.

⊕ **Sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija* tat-22 ta' Ġunju 2023 (C-823/21)**



## L-Istat tad-dritt

**Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess bħat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tagħmel riferiment espliċitu għall-Istat tad-dritt, wieħed mill-valuri komuni għall-Istati Membri. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati hija element essenzjali tal-Istat tad-dritt.**

**Id-Difiża tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea**

Ara l-video fuq YouTube

Il-Kummissjoni kkontestat ir-riforma ġudizzjarja Pollakka ta' Diċembru 2019 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar laqgħet ir-rikors tal-Kummissjoni, filwaqt li fakkret li **l-Istati Membri huma obbligati jevitaw kull rigressjoni, fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja**. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni l-fatt li l-imħallfin nazzjonali, li huma mistennija japplikaw id-dritt tal-Unjoni, jistgħu jkunu f'pożizzjoni fejn il-kwistjonijiet relatati mal-istatus tagħhom u mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom jiġu deċiżi minn qorti li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' indipendenza u ta' imparzjalità. Barra minn hekk, l-imħallfin nazzjonali ma jistgħux jiġu preklużi milli jevalwaw jekk qorti jew imħallef jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, jekk ikun il-każ billi jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jobbligaw lill-imħallfin jiżvelaw l-eventwali sħubija tagħhom f'assoċjazzjoni, f'fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru jew f'partit politiku, u li jipprevedu t-tqegħid online ta' din l-informazzjoni, imorru kontra l-protezzjoni tad-data personali u r-rispett tal-ħajja privata.



Sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja* tal-5 ta' Ġunju 2023 (C-204/21)

## Proprjetà intellettwali

**Il-leġiżlazzjoni adottata mill-Unjoni sabiex tiġi protetta l-proprjetà intellettwali (drittijiet tal-awtur) u industrijali (dritt tat-trade marks, protezzjoni tad-disinni) ittejjeb il-kompetittività tal-impriżi billi tiffavorixxi ambjent li jinkoraġġixxi l-kreattività u l-innovazzjoni.**

**Il-Proprjetà Intellettwali fil-Qorti Ġenerali**

Ara l-video fuq YouTube



L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni internazzjonali tas-sinjal verbali "EMMENTALER" ġiet miċħuda mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). *Emmentaler Switzerland* appellat minn din id-deċiżjoni, li ġiet ikkonfermata mill-ġdid mill-EUIPO minħabba l-karattru deskrittiv tat-trade mark. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn *Emmentaler Switzerland*, billi qieset li l-pubbliku Ġermaniż jifhem immedjatament is-sinjal EMMENTALER bħala li jindika tip ta' ġobon, li jagħmel dan is-sinjal trade mark deskrittiva. Fil-fatt, **sabiex tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni ta' sinjal, huwa biżżejjed li dan ikollu karattru deskrittiv f'parti mill-Unjoni**. B'hekk, il-kelma "EMMENTALER" ma tistax tiġi protetta bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea għal ġobnijiet.

Sentenza *Emmentaler Switzerland vs EUIPO (EMMENTALER)* tal-24 ta' Mejju 2023 (T-2/21)



Ir-reġistrazzjoni tal-logo ta' Batman bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali minn produttur Taljan ta' ħwejjeġ tal-karnival. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-provi prodotti minn dan il-produttur ma kinux biżżejjed sabiex juru li din it-trade mark, li tirrappreżenta farfett il-lejl fuq sfond ovali, ma kellhiex karattru distintiv. Huwa **dan il-karattru distintiv li jippermetti lill-pubbliku jassoċja l-prodotti koperti mit-trade mark mal-editur ta' Batman**, DC Comics, u **jiddistingwihom minn dawk ta' impriżi oħra**.

Sentenza *Aprile e Commerciale Italiana vs EUIPO - DC Comics* tas-7 ta' Ġunju 2023 (T-735/21)

Fil-kuntest ta' tilwima bejn organi Rumeni ta' ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur u trasportatur tal-ajru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li x-xandir f'mezz ta' trasport ta' passiġġieri ta' xogħol mużikali għal finijiet ta' mużika fl-isfond jikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, is-sempliċi installazzjoni, fuq mezz ta' trasport, ta' tagħmir awdjo u, jekk ikun il-każ, ta' software li jippermetti x-xandir ta' mużika fl-isfond ma tikkostitwixxix tali komunikazzjoni. Għaldaqstant, **id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi preżunzjoni ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet mużikali lill-pubbliku bbażata fuq is-sempliċi preżenza ta' sistemi awdjo f'mezzi ta' trasport**.




- Sentenzi *Blue Aire Aviation* u *UPFR* tal-20 ta' April 2023 (Kawżi magħquda C-775/21 u C-826/21)

Wara tilwima quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal tridimensjonali ta' scooter "Vespa", Piaggio preżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Piaggio kienet ipproduċiet, quddiem l-EUIPO, diversi provi rilevanti, bħalma huma r-riżultati ta' stħarriġ tal-opinjoni, data dwar il-volum tal-bejgħ, kif ukoll il-preżenza tal-"Vespa" fil-Museum of Modern Art ta' New York, l-użu tal-iscooters "Vespa" f'films magħrufa mad-dinja kollha bħalma huwa l-film "Roman Holiday", u l-preżenza ta' klabbs iddedikati għall-"Vespa" f'diversi Stati Membri. Skont Piaggio, dawn il-provi juru n-natura ikonika tal-"Vespa" u għalhekk ir-rikonoxximent globali tagħha fl-Unjoni kollha. **Il-Qorti Ġenerali qablet ma' Piaggio, filwaqt li ddikjarat li l-provi kienu juru l-karattru distintiv miksub bl-użu tat-trade mark fl-Unjoni kollha**.



- Sentenza *Piaggio & C. vs EUIPO - Zhejiang Zhongneng Industry Group* tad-29 ta' Novembru 2023 (T-19/22)

## Miżuri restrittivi u politika estera

**Il-miżuri restrittivi jew "sanzjonijiet" huma strument essenzjali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni Ewropea sabiex jitħarsu l-valuri, l-interessi fundamentali u s-sigurtà tagħha. Is-sanzjonijiet huma intiżi li jwasslu għal bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa tal-entitajiet jew tal-persuni li jkunu s-suġġett tagħhom.**




Belaeronavigatsia, impriża tal-Istat Bjelorussu responsabbli għar-regolazzjoni tal-ispazju tal-ajru, ġiet inkluża fil-listi ta' sanzjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minħabba r-responsabbiltà tagħha fid-devjazzjoni, fit-23 ta' Mejju 2021, tat-titjira FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk li wasslet għall-arrest ta' żewġ oppożituri tar-reġim li kienu abbord (Raman Pratasevitch u Sofia Sapega). **Filwaqt li interpretat għall-ewwel darba l-kunċett ta' "persuna responsabbli għar-repressjoni", il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Belaeronavigatsia** billi qieset li l-impriża tal-Istat ma setgħetx ma kinitx taf li din id-devjazzjoni kienet ser tikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja.

⊕ Sentenza *Belaeronavigatsia vs Il-Kunsill* tas-17 ta' Frar 2023 (T-536/21)



B'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mir-Russja f'Marzu 2014, fis-17 ta' Marzu 2014 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta sensiela ta' miżuri restrittivi. Wara l-bidu tal-gwerra fuq skala kbira tar-Russja kontra l-Ukraina fi Frar 2022, il-Kunsill żied mal-lista tal-persuni u tal-entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi l-membri tal-gvern, banek, negozjanti u l-membri tal-Assemblea Federali (*Duma tal-Istat*). B'mod partikolari, il-Kunsill żied l-isem ta' Violetta Prigozhina, omm Yevgeniy Prigozhin, responsabbli għall-mobilizzazzjoni ta' merċenarji tal-Grupp Wagner bħala suldati tar-Russja fl-Ukraina. Il-Qorti Ġenerali laqgħet it-talba għall-annullament tal-atti tal-Kunsill diretti kontra V. Prigozhina, **billi qieset li l-inklużjoni tagħha fil-listi kienet ibbażata biss fuq ir-relazzjoni ta' parentela tagħha ma' binha**, li ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġġustifika tali miżuri.

⊕ Sentenza *Prigozhina vs Il-Kunsill* tat-8 ta' Marzu 2023 (T-212/22)

Fid-dawl tad-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem, tal-Istat tad-dritt u tad-demokrazija fil-Venezwela, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fl-2017, miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni f'dan l-Istat. Fl-2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors tal-Venezwela kontra dawn il-miżuri, peress li s-sitwazzjoni legali ta' dan l-Istat ma kinitx direttament affettwata minn dawn il-miżuri kontenzjużi. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fl-2021 u bagħtitilha l-kawża lura għal eżami mill-ġdid. Permezz tas-sentenza tagħha tal-2023, il-Qorti Ġenerali **ċaħdet il-motivi kollha mressqa mill-Venezwela intiżi għall-annullament tal-imsemmija miżuri restrittivi**.



⊕ **Sentenza *Venezwela vs Il-Kunsill* tat-13 ta' Settembru 2023 (T-65/18 RENV)**

Roman Arkadyevich Abramovich huwa negozjant ta' nazzjonalità Russa, Iżraeljana u Portugiża. Huwa hu l-azzjonist prinċipali tal-kumpannija omm ta' Evraz, li huwa wieħed mill-gruppi prinċipali Russi fil-qasam tal-azzar u tal-mini kif ukoll wieħed mill-persuni li l-iktar iħallsu taxxi fir-Russja. Wara li r-Russja attakkat lill-Ukraina, il-Kunsill iffriża l-fondi u pprojbixxa d-dħul fl-Unjoni Ewropea jew it-tranżitu ta' negozjanti ewlenin li jeżerċitaw attivitajiet f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tar-Russja. R. Abramovich ikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-inklużjoni u ż-żamma tiegħu fil-listi tal-miżuri restrittivi intiżi li jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja. **Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' R. Abramovich filwaqt li kkonfermat il-miżuri restrittivi meħuda kontrih.**



⊕ **Sentenza *Abramovich vs Il-Kunsill* tal-20 ta' Diċembru 2023 (T-313/22)**

## Politika kummerċjali

**Il-politika kummerċjali hija kompetenza esklużа tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni tilleġiżla dwar il-kwistjonijiet kummerċjali u tikkonkludi ftehimiet kummerċjali internazzjonali. Il-fatt li l-Unjoni taġixxi b'mod ikkoordinat u b'vuċi waħda fil-livell mondjali jqiegħda f'pożizzjoni b'saħħitha fejn jidħol il-kummerċ internazzjonali.**



Fl-2020, l-Istati Unit żiedu d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti Ewropej tal-aluminju u tal-azzar. Bħala reazzjoni, il-Kummissjoni adottat regolament li impona dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti. Zippo Manufacturing Co., kumpannija Amerikana li timmanifattura lajters milquta minn din iż-żieda, ikkontestat din il-miżura quddiem il-Qorti Ġenerali, li annullat dan ir-regolament. Skont il-Qorti Ġenerali, **il-Kummissjoni kisret id-dritt għal smigħ ta' Zippo u, għaldaqstant, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba**. Il-Kummissjoni kien imissha semgħet lil Zippo qabel ipproċediet b'tali żieda peress li kienet taf, qabel l-adozzjoni tiegħu, li ż-żieda fid-dazji doganali kienet tikkonċerna prinċipalment il-lajters ta' Zippo.

⊕ Sentenza *Zippo Manufacturing et vs Il-Kummissjoni* tat-18 ta' Ottubru 2023 (T-402/20)

## Tax rulings

**Bħala prinċipju, it-taxxi diretti jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dawn it-taxxi għandhom josservaw ir-regoli bażi tal-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Għalhekk, l-Unjoni tiżgura l-legalità tad-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem (tax rulings) tal-Istati Membri li jagħtu lil impriżi trattament fiskali partikolari.**

Permezz ta' deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem ("tax ruling") tal-2003, l-awtoritajiet Lussemburgiżi kienu aċċettaw il-proposta tal-grupp Amazon dwar it-trattament ta' sussidjarja stabbilita fil-Lussemburgu fir-rigward tat-taxxa fuq il-kumpanniji. Il-Kummissjoni qieset li din id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern. Wara li l-ftuħ ta' kawżi mil-Lussemburgu u minn Amazon, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għaliex qieset li din tal-aħħar ma kinitx stabbilixxiet li s-sussidjarja ta' Amazon kienet ibbenefikat minn tnaqqis indebitu tal-oneru fiskali tagħha. **Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell tal-Kummissjoni mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali għaliex qieset li din tal-aħħar kienet iddeterminat b'mod żbaljat is-"sistema ta' riferiment"** għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali għajnuna.




⊕ Sentenza *Il-Kummissjoni vs Amazon.com et* tal-14 ta' Diċembru 2023 (C-457/21 P)

Fl-2018, il-Kummissjoni kkonstatat li l-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi kienu taw deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem lill-grupp Engie li, fil-fehma tal-Kummissjoni, kienu ppermettew lil dan il-grupp jevita t-tassazzjoni tal-profitti miksuba mis-sussidjarji tagħha stabbiliti fil-Lussemburgu. Il-Kummissjoni qieset li dawn id-deċiżjonijiet kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern. Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħhom, Engie u l-Lussemburgu ppreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li **l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta ddeterminat is-"sistema ta' riferiment" għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura selettiva ta' dawn il-miżuri fiskali u, għalhekk, meta kklassifikat dawn il-miżuri bħala għajnuna mill-Istat ipprojbita.**




⊕ Sentenzi *Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni* u *Engie Global LNG Holding et vs Il-Kummissjoni* (Kawżi magħquda C-451/21 P u C-454/21 P)

## Kompetizzjoni

**L-Unjoni Ewropea tiżgura l-osservanza tar-regoli li jipproteġu l-kompetizzjoni ħielsa. Il-prattiki li għandhom bħala għan jew bħala effett li jipprekludu, li jillimitaw jew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern huma pprojbiti u jistgħu jiġu ssanzjonati b'multi.**



Il-Kummissjoni investigat l-imblukkar ġeografiku ta' ċertu logħob tal-video għal PC fuq il-pjattaforma Steam. Hija kkonstatat li l-operatur ta' din il-pjattaforma, Valve, u ħames edituri tal-logħob (Bandai, Capcom, Focus Home, Koch Media u ZeniMax), kienu kisru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni kkritikat lil Valve u lill-ħames edituri talli pparteċipaw f'numru ta' ftehimiet antikompetittivi jew prattiki miftiehma. Skont il-Kummissjoni, dawn kienu intiżi li jirrestrinġu l-bejgħ transkonfinali bl-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ta' kontroll territorjali, b'mod partikolari fil-pajjiżi Baltiċi kif ukoll f'ċerti pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Ewropa tal-Lvant. Valve kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors billi qieset li **l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet korrettament l-eżistenza ta' ftehim bejn Valve u kull wieħed mill-ħames edituri intiż li jillimita importazzjonijiet paralleli** permezz tal-imblukkar ġeografiku tal-kodiċi ta' attivazzjoni tal-logħob tal-video inkwistjoni fuq il-pjattaforma Steam. Dan l-imblukkar ġeografiku kien intiż li jipprekludi li l-logħob tal-video, iddistribwit f'ċerti pajjiżi bi prezzijiet baxxi, jinxtara minn distributuri jew minn utenti li jinsabu f'pajjiżi oħra fejn il-prezzijiet huma nettament ogħla.

⊕ Sentenza *Valve Corporation vs Il-Kummissjoni* tas-27 ta' Settembru 2023 (T-172/21)

## Aċċess għal dokumenti

**It-trasparenza tal-ħajja pubblika hija prinċipju ewlieni tal-Unjoni. Bħala prinċipju, kull ċittadin jew persuna ġuridika tal-Unjoni jista' jkollhom aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet. Madankollu, f'ċerti każijiet, dan l-aċċess jista' jiġi miċħud jekk ikun hemm ġustifikazzjoni.**

Emilio De Capitani kien ressaq talba għal aċċess għal ċerti dokumenti skambjati fi ħdan il-grupp ta' ħidma "Dritt tal-kumpanniji" tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-proċedura leġiżlattiva li kellha bħala suġġett l-emenda tad-Direttiva 2013/34 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali. Il-Kunsill irrifjuta l-aċċess għar-raġuni li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti kien ser jippreġudika b'mod gravi l-proċess deċiżjonali tiegħu filwaqt li qies li n-natura tal-informazzjoni kienet wisq sensittiva u teknika sabiex tkun tista' tiġi żvelata. E. De Capitani kkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-kuntest tal-proċeduri leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea, il-konċiljazzjoni tal-prinċipji ta' pubbliċità u ta' trasparenza mal-eċċezzjoni għall-iżvelar tad-dokumenti sabiex jiġi protett il-proċess deċiżjonali. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, f'sistema bbażata fuq il-prinċipju ta' leġittimità demokratika, il-leġiżlatur għandu jirrispondi għall-atti tiegħu fil-konfront tal-pubbliku. **L-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-drittijiet demokratiċi tagħhom jimplika l-possibbiltà li jsegwu fid-dettall il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet** involuti fil-proċeduri leġiżlattivi. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti ta' ħidma fuq id-Direttiva.



⊕ Sentenza *De Capitani vs Il-Kunsill* tal-25 ta' Jannar 2023 (T-163/21)

Id-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni jipproponi lill-professjonisti tal-liġi, fil-kuntest tal-Kollezzjoni tas-Sunti tagħha, "Selezzjoni ta' sentenzi importanti" u "Bullettin mensili tal-ġurisprudenza" tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.





# 3

## Amministrazzjoni fis-servizz tal-ġustizzja

# A Introduzzjoni mir-Reġistratur



**Alfredo Calot Escobar**
Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarju Ġenerali tal-Istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President.**

Matul is-sena 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ħadmet b'determinazzjoni fuq proċess ta' trasformazzjoni, mhux biss sabiex tipprepara ruħha għal sfidi futuri, iżda wkoll sabiex taħtaf l-opportunitajiet li jinsabu quddiemha.

Fil-qasam ġudizzjarju, il-proċedura leġiżlattiva dwar it-trasferiment parzjali tal-kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari lill-Qorti Ġenerali żvolġiet matul is-sena kollha, bil-kisba ta' ftehim politiku f'Diċembru. Fl-istess ħin, ħdimna b'mod attiv sabiex, meta jkun il-waqt, niżguraw implimentazzjoni mingħajr problemi tar-riforma. Dan ser ikun mument importanti ħafna fl-istorja tad-djalogu tagħna mal-qrati nazzjonali u pass importanti fl-isforzi tagħna sabiex insaħħu iktar l-effiċjenza tal-ħidma ġudizzjarja fi ħdan il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Flimkien mal-preparazzjoni għal dan it-trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonċentrat l-isforzi tagħha fuq l-integrazzjoni effettiva u bla xkiel ta' teknoloġiji ġodda. Bħala parti minn dan il-proċess, konna l-ewwel istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li żviluppat Strateġija għall-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali ("IA"), li tinkludi l-ħolqien ta' Bord tat-Tmexxija għall-Intelliġenza Artifiċjali, li huwa inkarigat mis-superviżjoni tal-aspetti etiċi tal-użu tal-IA fi ħdan l-istituzzjoni u mid-definizzjoni ta' limiti ċari għall-applikazzjoni tagħha. Dan il-Bord, kompost minn Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, għandu jiżgura li l-għażliet teknoloġiċi magħmula mill-istituzzjoni sabiex tintegra l-għodod ibbażati fuq l-IA jkunu konformi kemm mal-etika kif ukoll mal-prinċipji tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex tiġi promossa kultura ta' użu responsabbli u sigur tal-għodod tal-IA, waħda mill-ewwel miżuri meħuda mill-Bord kienet li jinħarġu linji gwida għall-persunal dwar l-użu tal-IA.

Barra minn hekk, l-għodod tal-IA huma lesti sabiex jiġu integrati fis-sistema futura tagħna tal-ġestjoni tal-kawżi. Dan għandu jippermetti lill-istituzzjoni tapprofitta kemm jista' jkun mill-iktar teknoloġiji avvanzati,

filwaqt li jitlesta l-pedament għall-ħolqien ta’ sistema orizzontali u kompletament integrata, imfassla bil-ħsieb li tirrazzjonalizza l-flussi tax-xogħol tagħna u li tawtomatizza firxa wiesgħa ta’ azzjonijiet repetittivi. Dan l-approċċ olistiku ser ikompli jappoġġja, jiżviluppa u jisfrutta d-diversità notevoli tal-għarfien espert fi ħdan il-persunal tagħna, filwaqt li jippermettilna niddedikaw iktar ħin għal kompiti ta’ stimulazzjoni intellettwali u ta’ żieda fil-valur.

Madankollu, is-sena li għaddiet ma kinitx ikkonċentrata biss fuq it-tħejjija tal-pedamenti għall-futur. Din is-sena wriet ukoll l-impenn tagħna li nħarsu l-valuri li fuqhom twaqqfet il-Qorti tal-Ġustizzja. Wieħed minn dawn il-valuri, imnaqqax fl-istituzzjoni tagħna sa mill-ħolqien tagħha, huwa dak tad-diversità – id-diversità tal-kulturi, tal-lingwi u tat-tradizzjonijiet legali.

Maħsub sabiex jiċċelebra l-mużajk lingwistiku ħaj tal-istituzzjoni tagħna, il-Ġnien tal-Multilingwiżmu issa huwa simbolu tal-impenn tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-diversità u tal-ugwaljanza. Madankollu, il-kundizzjoni *sine qua non* sabiex tintlaħaq din id-diversità hija l-kapaċità tal-istituzzjoni li tattira talent mill-Istati Membri kollha.

Għal dan l-għan, id-diskussjonijiet fil-livell interistituzzjonali, ikkonċentrati fuq iż-żieda fl-attrattività tal-Lussemburgu bħala post tax-xogħol, tkomplew b’determinazzjoni kbira fl-2023. F’dan il-kuntest, il-Kulleġġ tas-Segretarji Ġenerali u tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Istituzzjonijiet u tal-Korpi tal-Unjoni bbażati fil-Lussemburgu adotta sensiela ta’ miżuri prattiċi intiżi li jippromwovu l-Lussemburgu bħala post tax-xogħol, li jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta’ kollegi ġodda u ta’ persuni li jiġu għal perijodu ta’ taħriġ, u li jneħħu l-ostakoli li jistgħu jiskoraġġixxu liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha milli jingħaqdu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fil-Gran Dukat.

Fl-isforz kontinwu tagħha sabiex tiżgura rappreżentanza ġeografika ġusta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tniedi proġetti pilota bl-għan li jiżdied l-għarfien dwar l-importanza tal-bilanċ ġeografiku u bl-għan li l-karrieri jiġu promossi direttament fl-Istati Membri. Eżempju eċċellenti ta’ dan kienet żjara fil-Latvja, fejn delegazzjoni ta’ Membri u maniġers għolja kellhom diskussjonijiet produttivi ma’ rappreżentanti, b’mod partikolari, tal-ġudikatura, tal-gvern, tal-akkademja u tal-mezzi tal-komunikazzjoni. L-għan kien li tiġi ppreżentata l-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġu promossi l-opportunitajiet ta’ karriera u li jiġi inkuraġġit taħriġ legali u lingwistiku rilevanti għax-xogħol tal-istituzzjoni tagħna.

Is-sena 2023 kienet għalhekk ikkaratterizzata minn adeżjoni qawwija mal-impenn tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-servizz pubbliku, filwaqt li fl-istess waqt nevalwaw mill-ġdid il-potenzjal tagħna. Tlaqna fuq vjaġġ sabiex niddefinixxu mill-ġdid mhux biss il-mod kif naħdmu, iżda wkoll kif nimmaġinaw il-futur tagħna. Futur li fih l-istituzzjoni tagħna mhux biss tadatta ruħha għall-bidla, iżda tixpruna din il-bidla, bl-istess spirtu ta’ eċċellenza, ta’ diversità, ta’ progress u ta’ dedikazzjoni li dejjem kien il-karatteristika ewlenija tagħna.



# B L-avvenimenti prinċipali tas-sena

## Il-multilingwiżmu ċċelebrat fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Bil-bażi tiegħu fit-Trattati, il-multilingwiżmu huwa valur essenzjali tal-proġett Ewropew. Fil-fatt, il-multilingwiżmu huwa kundizzjoni indispensabbli għat-trasparenza tal-azzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għall-applikabbiltà tad-dritt Ewropew, u huwa sinjal ta' rispett profond lejn l-identitajiet u l-kulturi nazzjonali.



Il-multilingwiżmu huwa parti integrali mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jaqdi valuri imperattivi demokratiċi billi jiżgura aċċess ugwali għall-qorti tal-Unjoni u billi jagħmel il-ġurisprudenza aċċessibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Id-dipartiment lingwistiku tal-istituzzjoni jiżgura t-traduzzjoni tad-dokumenti u l-interpretazzjoni tas-seduti, u dan jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja taħdem bl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni u tamministra ta' kuljum sa 552 kombinazzjoni lingwistika. Din is-sistema lingwistika ta' multilingwiżmu sħiħ ma għandha l-ekwivalenti tagħha f'ebda qorti oħra fid-dinja. L-implimentazzjoni tagħha hija sfida operattiva kontinwa, li tista' tiġi affaċċjata biss permezz ta' ġestjoni rigoruża u effettiva tar-riżorsi umani u tekniċi ddedikati għaliha.

Ftit snin ilu, il-Qorti tal-Ġustizzja nediet riflessjoni wiesgħa sabiex tispjega u tippromwovi l-multilingwiżmu kif ipprattikat fi ħdanha, u dan ta lok għal diversi inizjattivi maħsuba sabiex jinħoloq għarfien dwar l-importanza tiegħu, b'mod partikolari fid-dinja legali u fid-dinja akkademika.

Fl-2023, fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa, ġie inawgurat il-**Ġnien tal-Multilingwiżmu**, żviluppat fuq art li fuqha qabel kien hemm bini tal-Kummissjoni Ewropea u li tinsab biswit il-kumpless tal-Qorti tal-Ġustizzja. Żviluppat bi sħubija mal-awtoritajiet Lussemburgiżi, dan l-ispazju ekoloġiku ġdid huwa ddedikat għall-multilingwiżmu. Miftuħ għall-pubbliku u maħsub sabiex jospita avvenimenti kulturali, dan il-ġnien jikkontribwixxi wkoll għaż-żamma tal-bijodiversità f'ambjent urban billi jippromwovi l-installazzjoni ta' bijotopi permezz tad-diversità tal-ispeċi li jospita. Dan il-ġnien, li jinsab fiż-żona ta' Kirchberg, fejn tinsab is-sede ta' diversi istituzzjonijiet Ewropej, jiċċelebra d-diversità lingwistika tal-Unjoni, l-Istat ospitanti, il-Lussemburgu, u l-multilingwiżmu sekulari tiegħu.

Din is-sena ġie ppubblikat ukoll **xogħol bi tliet volumi**, tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, iddedikat għall-multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja u fl-Unjoni kollha. Din il-pubblikazzjoni tesplora d-diversi aspetti tas-sistema lingwistika tal-istituzzjoni u l-mod kif il-multilingwiżmu jimmaterjalizza ruħu, bl-għajnuna tad-dipartimenti ta' interpretazzjoni u ta' traduzzjoni legali tagħha. It-tieni parti tal-pubblikazzjoni, intitolat "Libretti tal-ivvjaġġar multilingwi", tiġbor il-kontribuzzjonijiet ta' personalitajiet mis-27 Stati Membri rrikonoxxuti fil-qasam tagħhom - membri tal-ġudikatura, filosofiċi, għalliema u politiċi. Miktuba fil-lingwi kollha tal-Unjoni, dawn il-libretti jistiednu lill-qarrej jiskopri l-kunċetti u l-isfidi tal-multilingwiżmu madwar l-Ewropa kollha. Disponibbli għall-pubbliku ġenerali fl-2024, din il-pubblikazzjoni sservi bħala bażi għal riflessjoni u bħala sors ta' ispirazzjoni għal kull min jinteressa ruħu fil-lingwi u fil-funzjonament multilingwi tal-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, **kollokju** laqqa' l-kontributuri għal din il-pubblikazzjoni flimkien mal-membri tat-tmexxija tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra sabiex jirriflettu flimkien dwar is-suġġett "Multilingwiżmu ta' kwalità f'kuntest ta' progress teknoloġiku rapidu".



# Aċċessibbiltà u inklużjoni – ta’ interess għal kulħadd

Id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà u l-projbizzjoni ta’ kull forma ta’ diskriminazzjoni huma previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fit-Trattati, fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabbiltà, li magħha l-Unjoni Ewropea aderixxiet fl-2010 u li tagħmel parti integrali mid-dritt tal-Unjoni.

L-osservanza tal-prinċipji ta’ ugwaljanza u ta’ nondiskriminazzjoni tagħmel parti, bħalma kienet minn dejjem, mill-valuri tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala istituzzjoni. Kien għad fadal ċerti miżuri li kellhom jittieħdu sabiex l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni tal-persuni b’diżabbiltà jsiru verament “ta’ interess għal kulħadd”. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk nediet **proġett ambizzjuż bejn id-dipartimenti**, sabiex kulħadd jikkontribwixxi iktar għall-ħolqien ta’ ambjent inklużiv.

L-azzjonijiet imwettqa u li għad iridu jitwettqu jaffettwaw firxa wiesgħa ħafna ta’ oqsma: ir-reklutaġġ u l-appoġġ ta’ kollegi b’diżabilità u tal-persuni li jassistuhom, l-aċċessibbiltà għall-faċilitajiet, l-aċċessibbiltà diġitali u għall-informazzjoni, kif ukoll il-komunikazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ.

Fuq kollox, inħoloq qafas ċar fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex joffri lill-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja u lill-kandidati għall-impjieg b’diżabbiltà **l-aġġustamenti li jiffaċilitaw ix-xogħol tagħhom u l-aċċess tagħhom għall-impjieg** fi ħdan l-istituzzjoni. Dawn l-aġġustamenti jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, soluzzjonijiet tekniċi, l-adattament tal-ambjent tax-xogħol, miżuri ta’ akkumpanjament, jew ir-riorganizzazzjoni tal-kompiti u tal-ħinijiet tax-xogħol.

Sussegwentement, ittieħdu diversi miżuri sabiex jiġi ottimizzat l-**aċċess fiżiku** għall-faċilitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm jekk mill-persunal tal-istituzzjoni, mill-avukati u mill-aġenti, mill-interpreti esterni u kemm jekk, b’mod iktar wiesa’, mill-viżitaturi kollha. Saru x-xogħlijiet meħtieġa fid-daħliet tal-bini u ġiet adattata aħjar il-proċedura ta’ evakwazzjoni. L-arranġamenti speċifiċi għas-swali fejn jinżammu s-seduti huma s-suġġett ta’ evalwazzjoni mill-ġdid. Pjan ta’ azzjoni fit-tul għandu l-għan li jiżgura l-konformità mal-istandards il-ġodda dwar l-aċċessibbiltà tal-bini.

L-**aċċessibbiltà diġitali u għall-informazzjoni** tikkonċerna kemm il-persunal intern kif ukoll l-utenti esterni. Is-sit CVRIA qiegħed jiġi aġġornat, kemm f’termini ta’ struttura u ta’ funzjonalitajiet, kif ukoll f’termini ta’ kontenut, u l-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabbiltà ġiet integrata, sa mill-istadju tad-disinn, fl-ambjent futur tax-xogħol diġitali tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, il-Ġabra tal-ġurisprudenza ilha mill-2021 tosserva r-rakkomandazzjonijiet ta’ aċċessibbiltà u tista’ tinqara permezz ta’ teknoloġiji ta’ assistenza.






Fl-aħħar nett, jitwettqu regolarment **attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' informazzjoni u ta' taħriġ** sabiex jitrawmu l-inklużjoni, ir-rispett reċiproku, il-kollaborazzjoni, iżda wkoll l-appoġġ għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni li jassistuhom.



**Katia Vermeire**
assistenta fid-Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

"Sa mit-tnedija tal-proġett tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-aċċessibbiltà u għall-inklużjoni ta' persuni f'sitwazzjoni ta' diżabbiltà, jiena applikajt sabiex nikkontribwixxi għal dan il-proġett, peress li d-diżabbiltà għadha ma hijiex meħuda inkunsiderazzjoni biżżejjed fis-soċjetajiet standardizzati tagħna. Dan il-proġett huwa ta' interess kbir għalija. Peress li ninsab f'sitwazzjoni ta' diżabbiltà, nixtieq nuża dak li tgħallimt u l-esperjenzi tiegħi b'mod li jgħin lil persuni f'sitwazzjoni simili.

Huwa importanti li tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u tal-kollegi tagħna. Qabel ma kont fis-sitwazzjoni ta' persuna b'mobbiltà mnaqqsa jiena stess, ma kelli l-ebda idea tad-diffikultà li jaffaċċjaw il-persuni b'diżabbiltà kif ukoll il-persuni li jassistuhom.

Hemm bżonn li nuru solidarjetà. Jekk kulħadd jagħmel sforz, għandna naslu biex noħolqu ambjent ta' xogħol li mhux biss ikun aċċessibbli iżda wkoll ekwu."



## Intelliġenza artifiċjali: strateġija adottata għall-użu tagħha fil-Qorti tal-Ġustizzja

L-iżviluppi fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u tat-teknoloġiji emerġenti ilhom jiġu osservati mill-Qorti tal-Ġustizzja għal ħafna snin. Dan isir sabiex jiġu identifikati t-teknoloġiji li jistgħu jsaħħu l-effiċjenza tal-funzjonament tal-Istituzzjoni.

L-**Innovation Lab** fi ħdan id-Direttorat tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni ilu mill-2019 jassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja fit-trasformazzjoni diġitali tagħha. Flimkien mad-dipartimenti kkonċernati, l-Innovation Lab jidentifika, janalizza u jittestja l-funzjonalitajiet u l-arranġamenti ta' għodda differenti. L-użu futur ta' din l-għodda se jsir b'osservanza tal-kunfidenzjalità, tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data personali. Sa mill-ħolqien tal-Innovation Lab, ġew proposti madwar tletin idea, li madwar għoxrin minnhom ġew ittestjati u li wħud minnhom diġà ġew implimentati jew qegħdin fi stadju ta' produzzjoni.

Sabiex tkun tista' tisfrutta bis-sħiħ il-funzjonalitajiet promettenti li joffru t-teknoloġiji emerġenti u sabiex tipprepara għall-integrazzjoni tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat, f'Ġunju 2023, "**Strateġija dwar l-integrazzjoni ta' għodda bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali** fil-funzjonament tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea". L-użu ta' din l-għodda għandu jiżgura mhux biss il-kontroll tad-data, iżda wkoll ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-etika.

L-ewwel waħda fost l-istituzzjonijiet Ewropej li adottat strateġija bħal din, u ferm qabel l-adozzjoni tal-proposta tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-intelliġenza artifiċjali (AI Act), il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat tliet għanijiet ewlenin:

- it-titjib tal-effiċjenza u tal-effikaċja tal-proċessi amministrattivi u ġudizzjarji;
- it-titjib tal-kwalità u tal-konsistenza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u
- it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja u tat-trasparenza fil-konfront taċ-ċittadin Ewropew.

Ġie stabbilit kumitat tal-etika, imsejjaħ "**AI Management Board** (AIMB)", bil-missjoni prinċipali li jiddefinixxi linji gwida u li jistabbilixxi l-limiti tal-użu ta' għodda bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali. Dan il-kumitat għandu jissorvelja li l-akkwist, l-iżvilupp u l-użu ta' din l-għodda jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fl-istrateġija. Dawn il-prinċipji jinkludu l-ekwità, l-imparzjalità u n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, it-traċċabbiltà, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, ir-rispett tal-ħajja privata u tad-data personali, is-sorveljanza umana kif ukoll it-titjib kontinwu.

F'dan il-kuntest, fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat linji gwida dwar l-użu ta' għodda bbażata fuq it-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali.



# It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea: is-sħubija man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju

Id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali jinsabu fil-qofol tal-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Eżempju konkret ta' din il-kooperazzjoni huwa r-relazzjoni b'saħħitha stabbilita mal-European Judicial Training Network (in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)) f'dawn l-aħħar 15-il sena. Imwaqqaf fl-2000 biex jappoġġa l-ħolqien taż-żona Ewropea tal-ġustizzja, imħabbra mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere (il-Finlandja), in-Network stabbilixxa ruħu bħala attur ewlieni fit-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-imħallfin u l-prosekuturi nazzjonali. F'dan is-sens, in-Network jiġbor fi ħdanu l-iskejjel Ewropej tat-taħriġ ġudizzjarju kollha. Sabiex tikkonferma l-impenn tagħha lejn is-sħubija tagħha man-Network, fl-2023 il-Qorti tal-Ġustizzja adottat dikjarazzjoni intitolata "Sostenn tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju sabiex titrawwem kultura ġudizzjarja Ewropea dejjiema".

**Sħubija man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) għall-ħolqien ta' kultura ġudizzjarja Ewropea dejjiema**

*Għal dawn l-aħħar 70 sena, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-'QĠUE') impenjat ruħha fi djalogu mal-qrati nazzjonali.*

*Bħala espressjoni ta' dan l-impenn, stabbilixxejna sħubija b'saħħitha mal-European Judicial Training Network (in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, iktar 'il quddiem l-"EJTN"). Dan tal-aħħar huwa l-pjattaforma ewlenija għall-membri tal-ġudikatura Ewropea sabiex jiskambjaw għarfien f'firxa wiesgħa ta' oqsma, b'mod partikolari fejn jidħol id-dritt tal-Unjoni. L-EJTN ilu jorganizza attivitajiet ta' taħriġ transkonfinali għall-professjonisti tal-ġustizzja nazzjonali għal iktar minn żewġ deċennji, u b'hekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-għarfien tad-dritt tal-Unjoni.*

*Seminars annwali, żjarat ta' studju, forums u skambju ta' materjal ta' taħriġ huma parti mill-kooperazzjoni stabbilita sew bejn l-EJTN u l-QĠUE. Mill-2007 lil hawn, l-EJTN u l-QĠUE organizzaw ukoll taħriġ fit-tul għall-imħallfin u għall-prosekuturi nazzjonali, li huma mistiedna jipparteċipaw fil-ħidma ġudizzjarja tal-uffiċċji tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali għal 6 xhur jew għal 12-il xahar. Din l-opportunità tagħtihom*

*ħarsa ġenerali unika tal-metodi ta' ħidma tal-QĠUE u tgħinhom jespandu b'mod sinjifikattiv l-għarfien tagħhom dwar d-dritt u l-proċeduri tal-Unjoni.*

*Din is-sħubija ta' suċċess u dejjiema twassal għal benefiċċji fuq mill-inqas tliet livelli differenti. Fil-livell nazzjonali, hija tgħin lill-professjonisti tal-ġustizzja jwettqu l-funzjonijiet nazzjonali tagħhom meta jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'komprensjoni ferm aħjar tar-rwol tagħhom fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fi ħdan il-QĠUE, il-preżenza ta' mħallfin u ta' prosekuturi nazzjonali ssaħħaħ id-diversità tal-kulturi ġuridiċi, li dejjem kienet ta' importanza fundamentali għall-istituzzjoni. F'kuntest usa', din it-tip ta' kooperazzjoni tikkontribwixxi għall-promozzjoni tad-djalogu bejn l-imħallfin Ewropej u dawk nazzjonali, u b'hekk tiżgura l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni madwar l-Ewropa.*

*Sabiex tkompli ssaħħaħ din il-kooperazzjoni, il-QĠUE ser tkompli tistrieħ fuq l-appoġġ qawwi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/693 li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja. Hija ser tistrieħ ukoll fuq l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programm dwar il-Ġustizzja permezz tal-Programm ta' Ħidma tagħha u li rrikonoxxiet ir-"rwol uniku" tal-EJTN fit-taħriġ ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea fl-Istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-perijodu 2021–2024 (Komunikazzjoni COM (2020) 713).*

*Barra minn hekk, il-QĠUE tagħti importanza kbira lill-bilanċ ġeografiku fl-organizzazzjoni tat-taħriġ fit-tul għall-imħallfin u għall-prosekuturi nazzjonali u lir-rappreżentanza tal-kulturi legali nazzjonali kollha f'dan il-kuntest. Għalhekk, hija tfittex li tappoġġa inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri kollha u li ssaħħaħ il-komunikazzjoni tagħha dwar it-taħriġ fit-tul fi ħdan il-QĠUE. Dawn l-isforzi, flimkien ma' dawk tal-Istati Membri u tal-EJTN, għandhom jgħinu sabiex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej u dawk nazzjonali, filwaqt li jenfasizzaw il-benefiċċji ta' din il-kooperazzjoni għalihom kollha.*

*Iż-żamma ta' relazzjoni mill-qrib mal-imħallfin nazzjonali kienet waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-QĠUE sa mill-ħolqien tagħha u l-kooperazzjoni tagħha mal-EJTN tikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għal din il-missjoni importanti. It-tisħiħ ta' din is-sħubija huwa essenzjali għaliex l-impatt tagħha jmur ferm lil hinn minn konoxxenza aħjar tad-dritt tal-Unjoni: din is-sħubija tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kultura ġudizzjarja Ewropea ġenwina u għal sens ta' appartenenza fost l-imħallfin Ewropej, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.*





F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja u n-Network għażlu li jibdew **azzjonijiet ġodda** intiżi li jiżviluppaw iktar fil-fond il-kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' żieda fin-numru ta' membri tal-ġudikatura nazzjonali li jistgħu jwettqu perijodu ta' taħriġ fit-tul fil-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan l-għan, huma previsti żewġ settijiet ta' miżuri. L-ewwel sett ta' miżuri għandu l-għan li jitkabbar l-għarfien tal-professjonisti tal-ġustizzja tal-Istati Membri dwar il-possibbiltajiet ta' perijodi ta' taħriġ fit-tul fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jitħajru iktar kandidati. It-tieni sett ta' miżuri huwa intiż li l-ostakoli lingwistiċi għat-twettiq ta' dawn il-perijodi ta' taħriġ permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ENTJ tal-għarfien tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-materjal edukattiv żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tat-taħriġ lingwistiku.



**Ingrid Derveaux**
Is-Segretarja Ġenerali tal-ENTJ

"L-ENTJ huwa ddeterminat li jiffavorixxi l-eżistenza ta' djalogu essenzjali bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li huma wkoll il-qrati 'tad-dritt komuni tal-Unjoni'. Aħna kuntenti ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tappoġġa dan l-isforz bit-tnedija ta' diversi azzjonijiet intiżi li jkomplu jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri tal-Unjoni fil-programm ta' taħriġ fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja. Nesprimu x-xewqa li l-2024 tkun ukoll sena favorevoli għat-tisħiħ ta' kooperazzjoni essenzjali u produttiva!"

**Diana-Daniela Popel**
Membru tal-ġudikatura fuq perijodu ta' taħriġ fl-uffiċċju tal-Imħallef Ineta Ziemele

"Il-perijodu ta' taħriġ mal-Qorti tal-Ġustizzja kien opportunità mill-aqwa biex niffamiljarizza ruħi mal-funzjonament tal-istituzzjoni, napprofondixxi l-konoxxenzi tiegħi tad-dritt tal-Unjoni, bil-possibbiltà li ninvolvi ruħi fix-xogħol ta' kuljum tal-Qorti tal-Ġustizzja, u niltaqa' wkoll ma' professjonisti straordinarji tal-liġi. Fid-dawl b'mod partikolari tar-rwol partikolari tal-qrati nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, nista' biss nirrakkomanda bil-qawwa dan il-perijodu ta' taħriġ lil kull imħallef li jaħdem fil-qrati interni tal-Istati Membri u li jixtieq li jkollu esperjenza estremament arrikkita kemm fuq livell professjonali kif ukoll fuq livell personali. Nirringrazzja minn qalbi lill-membri kollha tal-uffiċċju għall-akkoljenza eċċellenti u għad-disponibbiltà tagħhom, mingħajr ma ninsa t-tim tal-ENTJ! "



## C Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku

**16 819**-il viżitatur

**4 555** pprofessjonist tad-dritt

viżitaturi f'format virtwali: **8 %**

**2 095** viżitatur matul il-Jum "Bibien Miftuħa"

**Żjarat mill-bogħod – proġett edukattiv**

Dan il-programm edukattiv tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa intiż li jesponi lill-istudenti ta' bejn 15 u 18-il sena għall-missjoni tal-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni u li jispjegalhom l-impatt tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. Il-programm huma maħsub li jrawwem għarfien fost l-istudenti żgħażagħ, u l-għalliema tagħhom, dwar il-valuri demokratiċi u dwar l-isfidi legali attwali. Fl-2023, madwar **900 student** kellhom l-opportunità li jżuru l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dan il-programm.



L-uffiċjali tal-istampa fid-Direttorat tal-Komunikazzjoni, li għandhom taħriġ bħala ġuristi, għandhom ir-rwol li jispjegaw is-sentenzi, id-digrieti u l-konklużjonijiet, iżda wkoll il-kawżi pendenti lill-ġurnalisti mill-Istati Membri kollha u lid-diversi korrispondenti tagħhom. Huma jħejju stqarrijiet għall-istampa biex jinformaw lill-ġurnalisti u lill-prattikanti f'ħin reali dwar id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Huma jxandru, lill-persuni li jkunu għamlu talba f'dan is-sens lid-Dipartiment tal-Istampa tal-Qorti tal-Ġustizzja, ittri ta' informazzjoni regolari li jħabbru l-avvenimenti proċedurali u istituzzjonali importanti, bħalma huma l-"info-rapides" dwar kawżi li ma jkunux koperti minn stqarrijiet għall-istampa. Barra minn hemm huma jwieġbu għall-ittri elettroniċi u għat-telefonati taċ-ċittadini.

**2 814**-il stqarrija għall-istampa

**625** ittra b'informazzjoni

**547** pubblikazzjoni ta' informazzjoni "info-rapide"

**14 000** talba għal informazzjoni min-naħa ta' ċittadini (telefonati u ittri elettroniċi)

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm preżenza attiva fuq in-networks soċjali permezz taż-żewġ kontijiet tagħha fuq X (wieħed bil-Franċiż u l-ieħor bl-Ingliż), kif ukoll permezz tal-kont LinkedIn u tal-kont Mastodon tagħha. In-numru dejjem jikber ta' abbonati fuq dawn in-networks huwa xhieda tal-interess kontinwu min-naħa tal-pubbliku lejn l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar għandha wkoll profil fuq YouTube fejn toffri aċċess, fl-24 lingwa uffiċjali, għal kontenut awdjoviżiv varju, b'mod partikolari animazzjonijiet intiżi għall-pubbliku ġenerali li jispjegaw kif il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

**159 000** segwaċi fuq X
**+9 %** meta mqabbla mal-2022

**3 600** abbonat fuq Mastodon

**234 810** abbonati LinkedIn
**+32 %** meta mqabbla mal-2022

**21 000** abbonat u **253 000** videos segwiti fuq YouTube





# 4

## Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent

Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha għal diversi snin issegwi politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa l-iktar regoli eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ħarsien tar-riżorsi naturali. L-impenn tal-istituzzjoni favur prattiki li jirrispettaw l-ambjent ilu kkonfermat mill-2016 permezz tar-reġistrazzjoni tagħha fl-**EMAS** (Eco-Management and Audit Scheme). Din iċ-ċertifikazzjoni rregolata mill-Unjoni Ewropea tingħata lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw standards stretti fir-rigward tal-politiki ambjentali tagħhom, tal-isforzi tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-metodi ta' ħidma sostenibbli tagħhom.

Fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet bl-isforzi tagħha sabiex twaqqaf l-użu tal-fliexken tal-ilma tal-plastik fil-bini tagħha. Il-kuntratt il-ġdid ta' ristorazzjoni pprojbixxa l-bejgħ tal-fliexken tal-ilma tal-plastik. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tqassam **fliexken li jistgħu jerġgħu jintużaw** lill-persunal tagħha sabiex jiġi promoss l-użu tal-**funtani tal-ilma** installati fl-2022.

Il-**konsum tal-enerġija** issa qed jerġa' juri t-tendenza li jonqos, bħalma kien qed jagħmel qabel il-pandemija. Dan ir-riżultat inkiseb billi tneħħew il-miżuri speċjali ta' ventilazzjoni imposti minħabba l-kriżi tal-Covid u billi ġew installati filtri tal-arja iktar effiċjenti. Flimkien mal-miżuri straordinarji tal-ekonomija tal-enerġija marbuta mal-gwerra fl-Ukraina, il-Qorti tal-Ġustizzja rreġistrat tnaqqis sinjifikattiv fil-konsum tal-enerġija tal-elettriku u tat-tisħin tagħha.

Għall-perijodu 2022-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet miri kwantitattivi għall-**konsum tal-karta**. Fl-2022, l-użu ta' karti tal-uffiċċju (minbarra pubblikazzjonijiet esternalizzati) naqas b'54.1 % meta mqabbel mal-livell ta' qabel il-kriżi fl-2019, xejra persistenti fl-2023 minħabba bidliet fid-drawwiet u iktar diġitalizzazzjoni tal-proċessi u tad-dokumenti. Barra minn hekk, f'Settembru 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tillimita n-numru ta' printers personali għal minimu strett, sabiex tiffranka l-enerġija, il-prodotti konsumabbli u l-karta, kif ukoll sabiex konsegwentement tnaqqas l-impatt tal-karbonju tagħha.

**L-ekwivalenti full-time (EFT)** hija unità li tippermetti li titkejjel l-attività professjonali b'mod indipendenti mid-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għal kull membru tal-persunal minħabba d-diversi modi kif jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol.

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, għall-iskart, għall-karti, għat-tisħin u għall-elettriku jikkorrispondu għal dawk tas-sena 2022. Il-bidliet jitkejjlu meta mqabbla mal-2015, is-sena ta' riferiment għall-iskema tal-EMAS.



It-titjib tar-riċiklaġġ tal-iskart u t-tnaqqis tal-plastik li jintuża darba biss

Parteċipazzjoni fis-sistema ta' roti self-service Vel'OH u sostenn għat-traġitti bir-rota

Tnaqqis tal-konsum tal-karti
**- 62.1 % kg/EFT**

Tnaqqis tal-konsum tal-ilma
**- 10.1 % $m^3$/EFT**

Tnaqqis tal-iskart "Uffiċċji u Ristorazzjoni"
**- 50 % kg/EFT**

Titjib kontinwu fl-infrastrutturi tas-sħana, tal-ventilazzjoni u tal-klimatizzazzjoni

Tnaqqis tal-konsum tal-elettriku
**- 23.2 % kWh/EFT**

Tnaqqis tal-konsum tal-enerġija għat-tisħin
**- 23.6 % kWh/EFT**

**3 466 $m^2$**
ta' ċelloli fotovoltajċi għal produzzjoni ta'
**422 003 kWh**
ekwivalenti għall-bżonnijiet annwali ta' 76 familja

Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju
**- 31.7 % kg $CO_2$/EFT**





# 5

## Ħarsa lejn il-futur

Fl-2004, **għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea**. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja esprimew il-fiduċja tagħhom fil-proġett Ewropew. Żewġ deċennji wara, ser niċċelebraw ma' dawn l-Istati Membri **l-20 anniversarju tal-adeżjoni tagħhom**. L-ikbar tkabbir li esperjenzat l-Unjoni, kemm fil-popolazzjoni kif ukoll f'għadd ta' pajjiżi, fetaħ l-orizzont tagħna. Huwa ta wiċċ ġdid liż-żona legali komuni tal-Unjoni, arrikkita b'diversità kulturali u intellettwali ġdida. Din kienet sfida importanti għall-Unjoni, fid-dawl tal-livell ta' integrazzjoni milħuq minnha fl-2004, minn naħa, u tal-varjetà ekonomika, storika u lingwistika li kellhom l-għaxar Stati Membri ġodda, min-naħa l-oħra. Din l-adeżjoni talbet, minn naħa ta' dawn l-Istati Membri ġodda, sforz kbir u determinazzjoni sħiħa sabiex jiġu implimentati r-riformi politiċi, ekonomiċi u legali meħtieġa. Fil-livell tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-akkoljenza simultanja tal-għaxar Stati Membri wasslet għal bidliet profondi u dejjiema fil-modalitajiet tax-xogħol.

Sabiex tiċċelebra l-anniversarju ta' dan l-avveniment maġġuri, f'Mejju 2024 il-Qorti tal-Ġustizzja ser torganizza kollokju intitolat "Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċelebra 20 sena mill-adeżjoni ta' għaxar Stati mal-Unjoni Ewropea: mument kostituzzjonali ġdid għall-Ewropa", bl-għan li jiġu evalwati l-lezzjonijiet misluta mit-tkabbir u mit-tisħiħ tal-integrazzjoni Ewropea. Il-kollokju ser ikopri l-impatt tat-tkabbir tal-2004, kemm minn perspettiva politika u ġuridika kif ukoll minn dik ekonomika, u dan kemm għall-Unjoni stess kif ukoll għall-għaxar Stati Membri ġodda. B'mod partikolari, il-kollokju ser jindirizza l-kontribut tal-għaxar Stati Membri ġodda għall-iżvilupp tal-Unjoni bħala "Unjoni ta' valuri", ibbażata fuq valuri komuni bħalma huma d-demokrazija, l-Istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u r-rispett tal-minoranzi.

Barra minn hekk, l-2024 ser tkun is-sena li fiha ser jiġi implimentat il-ftehim politiku li ntlaħaq fl-2023 dwar it-**trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari** tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali. Din l-implimentazzjoni ser timplika, b'mod partikolari, l-emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll diversi aġġustamenti fil-modalitajiet ta' ħidma taż-żewġ qrati u fil-funzjonament ta' kuljum tal-istituzzjoni, bħalma huwa l-adattament tas-sistemi informatiċi.

Barra minn hekk, filwaqt li tkompli t-**trasformazzjoni diġitali** tagħha, l-istituzzjoni qiegħda tadatta ruħha għal sfidi u opportunitajiet ġodda futuri, l-iktar fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali u taċ-ċibersigurtà. Qegħda tiġi żviluppata u esplorata għodda ġdida, b'mod partikolari għodda bbażata fuq tekniki tal-intelliġenza artifiċjali, bl-għan li tgħin liż-żewġ qrati jwettqu l-missjoni tagħhom u b'hekk jottimizzaw il-proċessi ġudizzjarji. L-użu ta' din l-għodda għandu jiżgura l-kontroll tad-data u għandu jitwettaq b'rispett tad-drittijiet fundamentali u b'osservanza tal-prinċipji tal-etika. Barra minn hekk, ir-Regolament 2023/2841, intiż li jiżgura livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, għandu impatt dirett fuq il-Qorti tal-Ġustizzja u jimplika, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' qafas intern għall-ġestjoni tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-evalwazzjoni regolari tal-effikaċja ta' dawn il-miżuri, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tar-riskji.




20
SENA





# 6

## Nibqgħu konnessi!

## Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia

**curia.europa.eu**




## Segwi l-attwalità ġurisprudenzjali u istituzzjonali e

billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**:
curia.europa.eu/jcms/PressReleases

billi tabbona mar-**RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja:
curia.europa.eu/jcms/RSS

billi ssegwi l-kont **X** tal-istituzzjoni:
CourUEPresse jew EUCourtPress

billi ssegwi l-kont **Mastodon** tal-istituzzjoni:
social.network.europa.eu/@Curia/

billi ssegwi l-kont **LinkedIn**:
linkedin.com/company/european-court-of-justice

billi tniżżel **l-applikazzjoni CVRIA** għal smartphones u tablets

billi tikkonsulta l-**Ġabra ta' ġurisprudenza**:
curia.europa.eu/jcms/EuropeanCourtReports



## Sabiex issir taf iktar dwar l-attività tal-istituzzjoni

ikkonsulta l-paġna dwar ir-**Rapport Annwali**:
curia.europa.eu/jcms/AnnualReport

ara l-animazzjonijiet fuq **YouTube:**
youtube.com/@CourtofJusticeEU

## Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni

l-**arkivji storiċi**:
curia.europa.eu/jcms/archive

id-**dokumenti amministrattivi**:
curia.europa.eu/jcms/documents

## Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati **programmi ta' żjarat** imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smigħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju, żjarat virtwali):
curia.europa.eu/jcms/visits

Permezz taż-**żjara virtwali tal-bini**, tkun tista' wkoll ittir fuq il-kumpless tal-bini u tidħol fih mingħajr ma tiċċaqlaq minn fejn int:
curia.europa.eu/visit360/

## Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni

Iktbilna permezz tal-**formola ta' kuntatt**:
curia.europa.eu/jcms/contact

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**
L-2925 Il-Lussemburgu
+352 4303-1
curia.europa.eu

Test miktub fi Frar 2024 / Data vverifikata sal-31.12.2023

Tħejjija tal-pubblikazzjoni: Il-Qorti tal-Ġustizzja / Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni / Id-Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi, 2024

Ritratti/illustrazzjonijiet:

Qoxra: © Unjoni Ewropea

Paġni 5, 6, 9-11, 13, 14, 19, 20, 22, 25, 26, 29, 30-32, 34-36, 39, 40, 41, 43, 49, 51, 52, 55, 58, 69, 73, 74, 76-103: © Unjoni Ewropea

Paġni 8, 11, 12, 15, 42, 46, 53-72: © shutterstock.com; 87: © European Judicial Training Network

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

La l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.

© Unjoni Ewropea, 2024





IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni
Id-Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi

PRINT ISBN 978-92-829-4482-0 doi:10.2862/105802 QD-05-23-450-MT-C
PDF ISBN 978-92-829-4465-3 doi:10.2862/90596 QD-05-23-450-MT-N